| ex 8501 10 10 | 20 | Mutur sinkroniku għall-magni tal-ħasil tal-platti b'mekkaniżmu ta' kontroll tal-fluss tal-ilma:<br>— b'tul mingħajr il-fus ta' 24 mm (+/– 0,3),<br>— b'dijametru ta' 49,3 mm (+/– 0,3)<br>— b'vultaġġ nominali ta' 220 V AC jew aktar iżda mhux aktar minn 240 V AC,<br>— bi frekwenza nominali ta' 50 Hz jew aktar iżda mhux aktar minn 60 Hz,<br>— b'potenza tal-input ta' mhux aktar minn 4 W,<br>— b'veloċità tad-dawran ta' 4 rpm jew aktar iżda mhux aktar minn 4,8 rpm,<br>— b'torque tal-output ta' mhux aktar minn 10 kgf/cm | 0 % | — | 31.12.2020 |
| ex 8501 10 99 | 55 | Attwatur elettriku turboċarġer, b':<br>— mutur DC b'output ta' 10 W jew iktar iżda mhux iktar minn 15 W;<br>— mekkaniżmu integrat tal-gerijiet,<br>— forza (tal-ġibda) ta' 250 N jew iktar f'temperatura ambjentali elevata ta' 160 °C,<br>— forza (tal-ġibda) ta' 250 N jew iktar f'kull pożizzjoni tal-istrowk tiegħu,<br>— strowk effettiv ta' 15 mm jew iktar iżda mhux iktar minn 20 mm,<br>— b'interfaċċa tad-dijanjostika abbord jew mingħajra | 0 % | — | 31.12.2020 |

| Il-kodiċi tan-NM | TARIC | Deskrizzjoni | Ir-rata ta' dazji awtonomi | Unità Supplimentari | Data prevista għal reviżjoni mandatorja |
|---|---|---|---|---|---|
| ex 8501 10 99 | 57 | Mutur DC:<br>— b'veloċità tar-rotor ta' mhux iktar minn 6 500 rpm meta mhux mgħobbi;<br>— b'vultaġġ nominali ta' 12,0 V (+/– 0,1);<br>— ta' medda speċifikata tat-temperatura ta' – 40 °C jew iktar, iżda ta' mhux iktar minn + 165 °C;<br>— b'pinion ta' konnessjoni jew mingħajru:<br>— b'konnettur tal-magna jew mingħajru | 0 % | — | 31.12.2020 |
| ex 8501 31 00<br>ex 8501 32 00 | 35<br>70 | Mutur awtopropulsiv, b'kurrent dirett, bi ħruġ permanenti u bla braxis:<br>— b'veloċità speċifikata massima ta' 4 000 rpm,<br>— b'output minimu ta' 400 W, iżda mhux aktar minn 1,3 kW (bi 12 V),<br>— b'dijametru tal-flanġ ta' mill-inqas 90 mm u mhux aktar minn 150 mm,<br>— b'tul massimu ta' 190 mm, imkejjel mill-bidu tax-xaft sat-tarf ta' barra,<br>— b'tul massimu tal-qafas ta' 150 mm, imkejjel mill-flanġ sat-tarf ta' barra,<br>— b'qafas tal-aluminju, fundut f'żewġ biċċiet (qafas bażiku inklużi komponenti tal-elettriku u flanġ b'minimu ta' 2 u massimu ta' 6 spieri) b'kompost tal-issiġillar (kanal b'O-ring u bil-grass),<br>— bi statur b'disinn T-tooth uniku u koljatura unika fit-tipoloġija 12/8 u<br>— b'kalamiti tal-wiċċ | 0 % | — | 31.12.2020 |
| *ex 8501 32 00<br>ex 8501 33 00 | 60<br>15 | Mutur ta' trazzjoni, b':<br>— output tat-torque ta' 200 Nm jew iktar iżda mhux iktar minn 300 Nm<br>— output ta' potenza ta' 50 kW jew iktar iżda mhux iktar minn 100 kW<br>— veloċità nominali ta' mhux iktar minn 12 500 rpm<br>għall-użu fil-manifattura ta' vetturi elettriċi (1) | 0 % | — | 31.12.2019 |
| ex 8505 11 00<br>ex 8505 19 90 | 55<br>40 | Barijiet ċatti ta' liga tas-samarju u tal-kobalt b'<br>— tul ta' 30,4 mm (± 0,05 mm);<br>— wisa' ta' 12,5 mm (± 0,15 mm);<br>— ħxuna ta' 6,9 mm (± 0,05 mm), jew magħmulin minn ferriti fil-forma ta' sleeves kwartali b':<br>— tul ta' 46 mm (± 0,75 mm);<br>— wisa' ta' 29,7 mm (± 0,2 mm);<br>intenzjonati li jsiru kalamiti permanenti wara li jiġu manjetizzati, ta' tip użat fl-istarters tal-karozzi u f'apparat li jestendi l-firxa tas-sewqan tal-karozzi elettriċi | 0 % | p/st | 31.12.2020 |

| Il-kodiċi tan-NM | TARIC | Deskrizzjoni | Ir-rata ta' dazji awtonomi | Unità Supplimentari | Data prevista għal reviżjoni mandatorja |
|---|---|---|---|---|---|
| ex 8506 50 10 | 10 | Ċelloli primarji ċilindriċi tal-litju:<br>— b'dijametru ta' 14,0 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 26,0 mm;<br>— b'tul ta' 25 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 51 mm;<br>— b'vultaġġ ta' 1,5 V jew aktar iżda mhux aktar minn 3,6 V;<br>— b'kapaċità ta' 0,80 Ah jew aktar iżda mhux aktar minn 5,00 Ah<br>għall-użu fil-manifattura tal-apparat tat-telemetrija u mediku, tal-miters elettroniċi jew tal-kontrolli mill-bogħod [1] | 0 % | — | 31.12.2020 |
| *ex 8507 10 20 | 30 | Akkumulaturi jew moduli ta' aċidu biċ-ċomb,<br>— b'kapaċità nominali ta' mhux aktar minn 32 Ah,<br>— b'tul ta' mhux aktar minn 205 mm,<br>— b'wisa' ta' mhux aktar minn 130 mm u<br>— b'għoli ta' mhux aktar minn 190 mm<br>għall-użu fil-manifattura ta' oġġetti bil-kodiċi tan-NM 8711 [1] | 0 % | — | 31.12.2018 |
| *ex 8507 60 00 | 71 | Batteriji tal-joni tal-litju rikarikabbli, b':<br>— tul ta' 700 mm jew iktar, iżda mhux iktar minn 2 820 mm<br>— wisa' ta' 935 mm jew iktar, iżda mhux iktar minn 1 660 mm<br>— għoli ta' 85 mm jew iktar, iżda mhux iktar minn 700 mm<br>— piż ta' 280 kg jew iktar, iżda mhux iktar minn 700 kg<br>qawwa ta' mhux iktar minn 130 kWh | 0 % | — | 31.12.2017 |
| *ex 8508 70 00<br>ex 8537 10 99 | 10<br>96 | Bord ta' ċirkwit stampat b'ħawsing separat biex jazzjona u jikkonktrolla l-ixkupilji tal-vacuum cleaner li jaħdmu b'mutur li għandu output ta' mhux iktar minn 300 W | 0 % | p/st | 31.12.2020 |
| ex 8512 20 00 | 30 | Modulu tad-dawl, li fih mill-inqas:<br>— żewġ LEDs,<br>— lentijiet tal-ħġieġ jew tal-plastik, li jiffokaw/jixħtu d-dawk emess mil-LEDs,<br>— rifletturi li jbiddlu d-direzzjoni tad-dawl emess mil- LEDs,<br>f'qafas tal-aluminju b'radjatur, immuntat fuq brekit b'attwatur | 0 % | p/st | 31.12.2020 |

| Il-kodiċi tan-NM | TARIC | Deskrizzjoni | Ir-rata ta' dazji awtonomi | Unità Supplimentari | Data prevista għal reviżjoni mandatorja |
|---|---|---|---|---|---|
| *ex 8512 20 00 | 40 | Lampi taċ-ċpar b'wiċċ intern galvanizzat, li fihom:<br>— ħowlder tal-plastik bi tliet brekits jew iktar,<br>— bozza waħda ta' 12 V jew iktar,<br>— konnettur,<br>— kopertura tal-plastik,<br>— kejbil tal-konnessjoni jew le<br>għall-użu fil-manifattura ta' oġġetti tal-Kapitolu 87 ([1]) | 0 % | p/st | 31.12.2019 |
| ex 8512 30 90 | 20 | Buzzer ta' twissija għas-sistema ta' sensuri tal-parkeġġ f'ħawsing tal-plastik li jopera fuq il-prinċipju ta' piezo-mekkanika, li fih:<br>— bord ta' ċirkwit stampat,<br>— konnettur,<br>— f'ħowlder tal-metall jew le<br>ta' tip użat fil-manifattura ta' oġġetti tal-Kapitolu 87 | 0 % | p/st | 31.12.2020 |
| ex 8518 90 00 | 60 | Pjastra ta' fuq tas-sistema tal-kalamita ta' loudspeaker magħmula mill-azzar integralment ippanċjat, stampat u ppjastrat, fil-forma ta' diska, li fiha toqba fin-nofs jew le, ta' tip użat fil-loudspeakers tal-karozzi | 0 % | — | 31.12.2020 |
| ex 8523 51 99 | 10 | Kard tal-memorja SD b'sett ta' mapep li ma jistgħux jiġu aġġornati mtella' fiha għall-inkorporazzjoni fl-unitajiet tan-navigazzjoni ta' karozza ([1]) | 0 % | — | 31.12.2020 |
| *ex 8525 80 19 | 70 | Kamera ta' infraaħmar b'tul tal-mewġa twil (kamera LWIR) (skont l-ISO/TS 16949), b':<br>— sensittività fiż-żona tal-tul tal-mewġa ta' 7,5 µm jew iktar, iżda ta' mhux iktar minn 17 µm,<br>— riżoluzzjoni sa 640 × 512 pixels,<br>— piż ta' mhux iktar minn 400 g,<br>— qisien ta' mhux aktar minn 70 mm × 86 mm × 82 mm,<br>— f'ħawsing jew le<br>— bi plakka ċċertifikata għall-vetturi u<br>— devjazzjoni tas-sinjal tal-output fuq il-medda intiera tat-temperatura tax-xogħol ta' mhux iktar minn 20 % | 0 % | — | 31.12.2019 |

| Il-kodiċi tan-NM | TARIC | Deskrizzjoni | Ir-rata ta' dazji awtonomi | Unità Supplimentari | Data prevista għal reviżjoni mandatorja |
|---|---|---|---|---|---|
| *ex 8529 90 92 | 35 | Moduli LCD b':<br>— kejl dijagonali tal-iskrin ta' 14,5 cm jew iktar iżda ta' mhux iktar minn 25,5 cm,<br>— b'dawl LED minn wara,<br>— bord taċ-ċirkwit stampat bl-EPROM, kontrollur mikro, kontrollur tal-ħin, modulu bus driver LIN u komponenti oħrajn attivi u passivi,<br>— plakka ta' 8 pinnijiet għall-provvista tal-elettriku u interfaċċa LVDS ta' 4 pinnijiet,<br>— f'ħawsing jew le,<br>għall-inkorporazzjoni permanenti jew l-immuntar permanenti fil-vetturi bil-mutur tal-Kapitolu 87 (1) | 0 % | — | 31.12.2020 |
| *ex 8529 90 92 | 36 | Modulu LCD b':<br>— kejl dijagonali tal-iskrin ta' 14,5 cm jew iktar iżda ta' mhux iktar minn 20,3 cm,<br>— jew mingħajr skrin tattilu,<br>— b'dawl LED minn wara,<br>— bord taċ-ċirkwit stampat b'EEPROM, kontrollur mikro, riċevitur LVDS u komponenti attivi u passivi oħrajn,<br>— bi plakka ta' 12-il pin għall-provvista tal-elettriku u interfaċċi CAN u LVDS,<br>— f'ħawsing b'moniter u funzjonijiet ta' kontroll oħrajn,<br>għall-installazzjoni fil-vetturi bil-mutur tal-Kapitolu 87 (1) | 0 % | — | 31.12.2020 |
| *ex 8529 90 92 | 55 | Moduli OLED, li jikkonsistu minn ċellola waħda jew iktar tal-ħġieġ jew tal-plastik TFT, li fihom materjal organiku, mhux ikkombinati ma' faċilitajiet ta' skrin tattilu u bord ta' ċirkwit stampat wieħed jew iktar b'elettronika tal-kontroll għall-indirizzar tal-pixels, għall-użu fil-manifattura tas-settijiet tat-televiżjoni u tal-moniters (1) | 0 % | p/st | 31.12.2019 |
| ex 8529 90 92 | 85 | Modulu LCD tal-kulur f'ħawsing:<br>— b'kejl djagonali tal-iskrin ta' 14,48 cm jew iktar iżda ta' mhux iktar minn 26 cm,<br>— mingħajr skrin tattilu,<br>— b'dawl minn wara u mikrokontrollur,<br>— b'kontrollur CAN (Controller Area Network), interfaċċa LVDS (Low-Voltage Differential Signalling) u konnettur CAN/potenza,<br>— mingħajr modulu tal-ipproċessar tas-sinjal,<br>— b'elettronika tal-kontroll għall-indirizzar tal-pixels biss,<br>— b'mekkaniżmu motorizzat għaċ-ċaqliq tal-iskrin tad-displej,<br>għal installazzjoni permanenti fil-vetturi tal-Kapitolu 87 (1) | 0 % | p/st | 31.12.2020 |

| Il-kodiċi tan-NM | TARIC | Deskrizzjoni | Ir-rata ta' dazji awtonomi | Unità Supplimentari | Data prevista għal reviżjoni mandatorja |
|---|---|---|---|---|---|
| *ex 8535 90 00 | 20 | Bord taċ-ċirkwiti stampat fil-forma ta' pjanċi ta' materjal iżolanti b'konnessjonijiet elettriċi u punti ta' ssaldjar, għall-użu fil-manifattura ta' unitajiet ta' retrodawl għall-moduli LCD (1) | 0 % | p/st | 31.12.2018 |
| ex 8536 69 90 | 60 | Sokits u plakek tal-elettriku b'tul ta' mhux iktar minn 12,7 mm jew b'dijametru ta' mhux iktar minn 10,8 mm, għall-użu fil-produzzjoni tal-apparat tas-smigħ u tal-proċessuri tad-diskors (1) | 0 % | p/st | 31.12.2020 |
| ex 8536 90 85 | 20 | Qafas ta-ċipep semikondutturi fl-għamla ta' frejm tal-plastik li fih qafas għaċ-ċirkwit mgħammar b'pads għall-kuntatt, għal vultaġġi ta' mhux aktar minn 1 000 V | 0 % | p/st | 31.12.2020 |
| ex 8536 90 85 | 30 | Kuntatti tar-rivets<br>— tar-ram<br>— ippjastrati b'liga tan-nikil tal-fidda AgNi10 jew bil-fidda li fiha, skont il-piż, 11,2 % (± 1,0 %) ta' ossidu tal-landa u ta' ossidu tal-indju meħudin flimkien<br>— bi ħxuna tal-pjastrament ta' 0,3 mm (– 0/+ 0,015 mm) | 0 % | p/st | 31.12.2020 |
| ex 8537 10 91 | 50 | Modulu ta' kontroll tal-fuse f'ħawsing tal-plastik bi brekits tal-immuntar li jinkludi:<br>— sokits bil-fuses jew mingħajrhom,<br>— portijiet tal-konnessjoni,<br>— bord taċ-ċirkwit stampat bi mikroproċessur inkorporat, mikroswiċċ u rilej<br>ta' tip użat fil-manifattura ta' oġġetti tal-Kapitolu 87 | 0 % | p/st | 31.12.2020 |
| *ex 8537 10 91<br>ex 8537 10 99 | 60<br>45 | Unititajiet tal-kontroll elettroniku, immanifatturati skont il-klassi 2 tal-istandard IPC-A-610E, b'mill-anqas:<br>— potenza tal-input AC ta' 208 V jew aktar, iżda mhux aktar minn 400 V,<br>— potenza tal-input loġika ta' 24 V DC,<br>— breaker taċ-ċirkwit awtomatiku,<br>— swiċċ prinċipali,<br>— kejbils u konnetturi elettriċi interni jew esterni,<br>— f'qafas b'daqs ta' 281 mm × 180 mm × 75 mm jew aktar, iżda mhux aktar minn 630 mm × 420 mm × 230 mm,<br>tat-tip użat għall-manifattura ta' magni li jirriċiklaw jew jissortjaw | 0 % | p/st | 31.12.2018 |

| Il-kodiċi tan-NM | TARIC | Deskrizzjoni | Ir-rata ta' dazji awtonomi | Unità Supplimentari | Data prevista għal reviżjoni mandatorja |
|---|---|---|---|---|---|
| ex 8537 10 99 | 35 | Unità ta' kontroll elettroniku mingħajr memorja, għal vultaġġ ta' 12 V, għas-sistemi ta' skambju tal-informazzjoni fil-vetturi (għall-konnessjoni tal-awdjo, tat-telefonija, tan-navigazzjoni, tal-kamera u tas-servizz mingħajr fili tal-karozza) li fiha:<br>— 2 knobs rotatorji<br>— minimu ta' 27 pushbutton<br>— dwal LED<br>— 2 ċirkwiti integrati biex jirċievu u jibagħtu s-sinjali ta' kontroll permezz tal-LIN-bus | 0 % | p/st | 31.12.2020 |
| ex 8538 90 91<br>ex 8538 90 99 | 20<br>50 | Antenna interna għal sistema ta' serratura tal-bibien tal-karozza, li tinkludi:<br>— modulu tal-antenna f'qafas tal-plastik,<br>— kejbil tal-konnessjoni bi plakka,<br>— tal-inqas żewġ brekits tal-muntaġġ<br>— sew jekk b'PCB li tinkludi transisters, dijodi u ċirkwiti integrati, sew jekk mingħajrha<br>tat-tip użat fil-manifattura tal-oġġetti bil-kodiċi tan-NM 8703 | 0 % | p/st | 31.12.2020 |
| ex 8544 30 00<br>ex 8544 42 90 | 80<br>60 | Kejbil tal-estensjoni two-core b'żewġ konnetturi, li fih tal-inqas:<br>— grommet tal-lakstu,<br>— conduit tal-plastik,<br>— brekit tal-ħemża tal-metall<br>ta' tip użat biex jikkonnettja s-sensuri tal-veloċità tal-vetturi fil-manifattura tal-vetturi tal-Kapitolu 87 | 0 % | p/st | 31.12.2020 |
| ex 8544 42 90 | 70 | Kondutturi elettriċi:<br>— ta' vultaġġ ta' mhux iktar minn 80 V,<br>— b'tul ta' mhux iktar minn 120 cm,<br>— iffittjati bil-konnetturi,<br>għall-użu fil-manifattura tal-apparat tas-smigħ, tal-kits tal-aċċessorji u tal-proċessuri tad-diskors (1) | 0 % | p/st | 31.12.2020 |
| ex 8544 49 93 | 30 | Kondutturi elettriċi:<br>— ta' vultaġġ ta' mhux iktar minn 80 V,<br>— ta' liga tal-platinu-iridju,<br>— miksija bil-poli(tetrafluworoetilen),<br>— mingħajr konnetturi,<br>għall-użu fil-manifattura tal-apparat tas-smigħ, tal-impjanti u tal-proċessuri tad-diskors (1) | 0 % | m | 31.12.2020 |

| Il-kodiċi tan-NM | TARIC | Deskrizzjoni | Ir-rata ta' dazji awtonomi | Unità Supplimentari | Data prevista għal reviżjoni mandatorja |
|---|---|---|---|---|---|
| *ex 8708 30 10 | 20 | Unità tal-attwazzjoni tal-brejk li titħaddem b'mutur<br>— bi klassifikazzjoni ta' 13,5 V (± 0,5 V) u<br>— mekkaniżmu ball screw biex jikkontrolla l-pressjoni tal-fluwidu tal-brejkijiet fiċ-ċilindru ewlieni<br>għall-użu fil-manifattura tal-vetturi elettriċi bil-mutur ([1]) | 0 % | p/st | 31.12.2019 |
| ex 8708 40 50 | 10 | Gerboks idrodinamika awtomatika b'konvertur tat-torque idrawliku mingħajr kaxxa tat-trasferiment, xaft Cardan u differenxjal ta' quddiem għall-użu fil-produzzjoni ta' vetturi bil-mutur tal-Kapitolu 87 ([1]) | 0 % | p/st | 31.12.2020 |
| ex 8708 50 55 | 10 | Xaft tal-ġenb tal-fus tal-karozza b'ġonta tal-veloċità kostanti f'kull tarf, ta' tip użat fil-manifattura ta' oġġetti tal-intestatura tan-NM 8703 | 0 % | p/st | 31.12.2020 |
| ex 8708 91 99 | 30 | Tank tal-arja tal-inlet jew tal-outlet ta' liga tal-aluminju manifatturat skont l-istandard EN AC 42100 b':<br>— iċċattjar tal-erja ta' iżolament ta' mhux iktar minn 0,1 mm,<br>— kwantità permissibbli tal-partikoli ta' 0,3 mg għal kull tank,<br>— distanza bejn il-pori ta' 2 mm jew iktar,<br>— daqs tal-pori ta' mhux iktar minn 0,4 mm, u<br>— mhux iktar minn 3 pori ikbar minn 0,2 mm<br>ta' tip użat fl-iskambjaturi tas-sħana għas-sistemi ta' tkessiħ tal-karozzi | 0 % | p/st | 31.12.2020 |
| ex 8714 10 90 | 20 | Radjaturi ta' tip użat fil-muturi tat-triq għall-iffitjar tal-oġġetti mehmuża ([1]) | 0 % | p/st | 31.12.2020 |
| *ex 8714 91 30<br>ex 8714 91 30<br>ex 8714 91 30 | 24<br>34<br>71 | Frieket ta' quddiem bis-saqajn tal-aluminju, għall-użu fil-manifattura tar-roti ([1]) | 0 % | — | 31.12.2018 |
| ex 8714 96 10 | 10 | Pedali, għall-użu fil-manifattura tar-roti ([1]) | 0 % | — | 31.12.2020 |
| ex 8714 99 90 | 30 | Pedestalli tas-sits, għall-użu fil-manifattura tal-biċikletti ([1]) | 0 % | p/st | 31.12.2020 |
| *ex 9001 50 41<br>ex 9001 50 49 | 30<br>30 | Lenti korrettiva għall-għajnejn, tonda organika u mhux maqtugħa, maħduma lesta fuq iż-żewġ naħat:<br>— b'dijametru ta' 4,9 ċm jew aktar iżda ta' mhux aktar minn 8,2 ċm,<br>— b'għoli ta' 0,5 ċm jew aktar iżda ta' mhux aktar minn 1,8 ċm, imkejla meta l-lenti titqiegħed fuq wiċċ ċatt mill-pjan orizzontali saċ-ċentru ottiku tal-wiċċ ta' quddiem tal-lenti<br>li tkun tat-tip użat biex tinħadem bil-għan li tiġi adattata għal par nuċċali | 1,45 % | — | 31.12.2019 |

| Il-kodiċi tan-NM | TARIC | Deskrizzjoni | Ir-rata ta' dazji awtonomi | Unità Supplimentari | Data prevista għal reviżjoni mandatorja |
|---|---|---|---|---|---|
| *ex 9001 50 80 | 30 | Lenti korrettiva għall-għajnejn, tonda, organika u mhux maqtugħa, iffinixxjata fuq naħa waħda:<br>— b'dijametru ta' 5,9 cm jew aktar iżda ta' mhux aktar minn 8,5 cm<br>— b'għoli ta' 1,2 cm jew aktar iżda ta' mhux aktar minn 3,5 cm, imkejla meta l-lenti titqiegħed fuq wiċċ ċatt mill-pjan orizzontali saċ-ċentru ottiku tal-wiċċ ta' quddiem tal-lenti<br>tat-tip użat biex tinħadem u tiġi adattata għal par nuċċali | 0 % | — | 31.12.2019 |
| ex 9002 11 00<br>ex 9002 19 00 | 15<br>10 | Lenti infraħamra b'aġġustament motorizzat tal-fokus,<br>— li tuża tul tal-mewġa ta' 3 µm jew iktar iżda ta' mhux iktar minn 5 µm,<br>— li tipprovdi stampa ċara minn 50 m sa distanza infinita,<br>— b'daqsijiet tal-kamp viżiv ta' 3° × 2,25° u ta' 9° × 6,75°,<br>— b'piż ta' mhux iktar minn 230 g,<br>— b'tul ta' mhux iktar minn 88 mm,<br>— b'dijametru ta' mhux iktar minn 46 mm,<br>— atermalizzata,<br>għall-użu fil-manifattura tal-kameras tal-immaġni termali, tal-binokli infraħomor u tal-iscopes tal-armi ([1]) | 0 % | — | 31.12.2020 |
| *ex 9025 80 40 | 50 | Sensur elettroniku semikonduttur għall-kejl ta' mill-inqas tnejn minn dawn li ġejjin:<br>— Pressjoni atmosferika, temperatura (għall-kumpens tat-temperatura wkoll), umdità, jew komposti organiċi volatili,<br>— f'qafas adattat għall-istampar awtomatiku ta' bords kondutturi jew teknoloġija Bare Die, li fih:<br>— ċirkwit integrat monolitiku wieħed jew aktar b'applikazzjoni speċifika (ASIC),<br>— elementi ta' sensur mikroelettromekkaniku (MEMS) wieħed jew aktar, immanifatturati b'teknoloġija semikonduttura, b'komponenti mekkaniċi rranġati fi strutturi tridimensjonali fuq il-materjal semikonduttur,<br>tat-tip użat għall-inkorporazzjoni fi prodotti tal-Kapitoli 84-90 u tal-Kapitolu 95 | 0 % | p/st | 31.12.2019 |
| *ex 9031 80 38 | 15 | Apparat li jkejjel ir-rata ta' dawran tar-roti fil-vetturi bil-mutur (Sensur semikunduttur tar-rata tad-dawran) li jikkonsisti minn:<br>— swiċċ monolitiku integrat f'għata u<br>— kondensatur diskret wieħed, jew ħafna, integrat/i f'ċirkwit parallel li jaħdmu flimkien, fil-forma SMD<br>— anki b'kalamiti permamenti integrati<br>għad-detezzjoni tad-datur tal-implusi taċ-ċaqlieq | 0 % | p/st | 31.12.2018 |

| Il-kodiċi tan-NM | TARIC | Deskrizzjoni | Ir-rata ta' dazji awtonomi | Unità Supplimentari | Data prevista għal reviżjoni mandatorja |
|---|---|---|---|---|---|
| *ex 9031 80 38 | 25 | Sensur semikonduttur elettroniku biex ikejjel l-aċċellerazzjoni u/jew ir-rata angulari:<br>— sew jekk ikkombinat ma' sensur tal-kamp manjetiku sew jekk le;<br>— f'qafas adattat għall-istampar awtomatiku ta' bords kondutturi jew teknoloġija Bare Die, li fih:<br>— ċirkwit wieħed integrat monolitiku jew aktar b'applikazzjoni speċifika (ASIC),<br>— element ta' sensur mikroelettromekkaniku wieħed jew aktar (MEMS) immanifatturati bl-użu ta' teknoloġija semikonduttura, b'komponenti mekkaniċi rranġati fi strutturi tridimensjonali fuq il-materjal semikonduttur,<br>— sew jekk b'mikrokontrollur integrat, sew jekk le<br>tat-tip użat għall-inkorporazzjoni fi prodotti tal-Kapitoli 84-90 u tal-Kapitolu 95 | 0 % | p/st | 31.12.2019 |
| *ex 9401 90 80 | 20 | Longeron bi ħxuna ta' 0,8 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 3,0 mm, użat fil-manifattura ta' sedili tal-karozza li jitilgħu u jinżlu [1] | 0 % | p/st | 31.12.2018 |
| ex 9607 20 10 | 10 | Slajders, tejp dejjaq bi snien taż-żipp immuntati, pinnijiet/kaxxi u partijiet oħrajn tal-qafliet slajd, ta' metall ta' bażi għall-użu fil-manifattura taż-żippijiet [1] | 0 % | — | 31.12.2020 |
| ex 9607 20 90 | 10 | Strippi dojoq immuntati bi scoops ta' katina tal-plastik għall-użu fil-manifattura taż-żippijiet [1] | 0 % | — | 31.12.2020 |

*ANNESS II*

| Il-kodiċi tan-NM | TARIC |
|---|---|
| *ex 2008 99 91 | 10 |
| *ex 2009 89 99 | 94 |
| *ex 2106 10 20 | 10 |
| *ex 2805 19 90 | 10 |
| *ex 2836 99 17 | 20 |
| *ex 2903 39 29 | 10 |
| *ex 2916 39 90 | 20 |
| *ex 2922 29 00 | 60 |
| *ex 2935 00 90 | 41 |
| *ex 3201 90 90 | 40 |
| ex 3204 17 00 | 70 |
| *ex 3212 10 00 | 10 |
| *ex 3701 30 00 | 10 |
| *ex 3824 90 92 | 62 |
| *ex 3901 10 10 | 30 |
| ex 3901 30 00 | 80 |
| *ex 3901 90 90 | 60 |
| *ex 3901 90 90 | 82 |
| *ex 3919 10 80 | 67 |
| *ex 3919 90 00 | 46 |
| *ex 3919 90 00 | 48 |
| *ex 3920 20 29 | 92 |
| *ex 3920 20 29 | 93 |
| *ex 3920 99 59 | 60 |
| *ex 6804 21 00 | 10 |
| *ex 6813 89 00 | 10 |
| ex 7606 12 92 | 40 |
| *ex 7607 20 90 | 30 |
| *ex 7616 99 10 | 30 |
| *ex 8407 90 10 | 10 |
| *ex 8408 90 43 | 30 |
| *ex 8408 90 45 | 20 |
| *ex 8408 90 47 | 30 |
| ex 8408 90 47 | 40 |

| Il-kodiċi tan-NM | TARIC |
|---|---|
| *ex 8479 89 97 | 60 |
| *ex 8482 10 10 | 20 |
| *ex 8501 32 00 | 60 |
| *ex 8501 33 00 | 15 |
| *ex 8507 10 20 | 30 |
| *ex 8507 60 00 | 63 |
| *ex 8508 70 00 | 10 |
| *ex 8512 20 00 | 10 |
| ex 8512 90 90 | 10 |
| *ex 8525 80 19 | 25 |
| ex 8526 91 20 | 80 |
| ex 8527 29 00 | 10 |
| *ex 8529 90 92 | 35 |
| *ex 8529 90 92 | 36 |
| *ex 8529 90 92 | 55 |
| *ex 8535 90 00 | 20 |
| *ex 8537 10 91 | 40 |
| *ex 8537 10 99 | 96 |
| *ex 8708 30 10 | 10 |
| *ex 8714 91 30 | 24 |
| *ex 8714 91 30 | 34 |
| *ex 8714 91 30 | 71 |
| *ex 9001 50 41 | 20 |
| *ex 9001 50 49 | 20 |
| *ex 9001 50 80 | 20 |
| *ex 9025 80 40 | 40 |
| *ex 9029 10 00 | 20 |
| *ex 9031 80 38 | 40 |
| *ex 9401 90 80 | 20 |

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1052

**tat-8 ta' Marzu 2016**

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-kundizzjonijiet applikabbli għal programmi ta' riakkwist u miżuri ta' stabbilizzazzjoni**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE ([1]), u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(6) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex jibbenefika mill-eżenzjoni mill-projbizzjonijiet tal-abbuż tas-suq, in-negozjar f'ishma proprji fi programmi ta' riakkwist u n-negozjar ta' titoli jew strumenti assoċjati għall-istabbilizzazzjoni ta' titoli għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 596/2014 u f'dan ir-Regolament.

(2) Għalkemm ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 jippermetti l-istabbilizzazzjoni permezz ta' strumenti assoċjati, l-eżenzjoni għal tranżazzjonijiet relatati ma' programmi ta' riakkwist għandha tkun limitata għal negozjar attwali fl-ishma proprji tal-emittent u ma għandhiex tapplika għal tranżazzjonijiet f'derivattivi finanzjarji.

(3) Billi t-trasparenza hija prerekwiżit għall-prevenzjoni tal-abbuż tas-suq, huwa importanti li jiġi żgurat li jiġi żvelat jew irrappurtat tagħrif xieraq qabel, matul u wara negozjar f'ishma proprji fi programmi ta' riakkwist u n-negozjar għall-istabbilizzazzjoni tat-titoli.

(4) Sabiex ikun hemm prevenzjoni tal-abbuż tas-suq, huwa xieraq li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet rigward il-prezz tax-xiri u l-volum permess ta' kuljum tan-negozjar f'ishma proprji fi programmi ta' riakkwist ("buy-back"). Sabiex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni ta' dawn il-kundizzjonijiet, it-tranżazzjonijiet ta' riakkwist għandhom isiru f'ċentru tan-negozjar fejn l-ishma tal-emittent ikunu ammessi għan-negozjar jew innegozjati. Madankollu, it-tranżazzjonijiet negozjati li ma jikkontribwixxux għall-formazzjoni tal-prezz jistgħu jintużaw għall-finijiet ta' programm ta' riakkwist u jibbenefikaw mill-eżenzjoni, sakemm ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha msemmija fir-Regolament (UE) Nru 596/2014 u f'dan ir-Regolament.

(5) Biex jiġi evitat ir-riskju ta' abbuż mill-eżenzjoni għal negozjar f'ishma proprji fi programmi ta' riakkwist, huwa importanti li dan ir-Regolament jistabbilixxi restrizzjonijiet fir-rigward tat-tip ta' tranżazzjonijiet li emittent jista' jagħmel matul programm ta' riakkwist u l-perjodi li fihom isir negozjar fl-ishma proprji tiegħu. Dawn ir-restrizzjonijiet għandhom għalhekk jimpedixxu l-bejgħ tal-ishma proprji mill-emittent matul il-perjodu ta' programm ta' riakkwist u jikkunsidraw li jista' jkun hemm projbizzjonijiet temporanji għall-kummerċ fl-emittent u l-fatt li emittent jista' jkollu raġunijiet leġittimi biex idewwem id-divulgazzjoni pubblika ta' tagħrif minn ġewwa.

(6) L-istabbilizzazzjoni tat-titoli hija intenzjonata sabiex tipprovdi sostenn għall-prezz ta' offerta tat-titoli inizjali jew sekondarja matul perjodu limitat ta' żmien jekk it-titoli jinġiebu taħt pressjoni ta' bejgħ, u b'hekk tittaffa l-pressjoni tal-bejgħ iġġenerata mill-investituri fuq perjodu qasir u jinżamm suq bl-ordni f'dawn it-titoli. B'dan il-mod tikkontribwixxi għal fiduċja akbar tal-investituri u tal-emittenti fis-swieq finanzjarji. Għalhekk, fl-interess ta' investituri li jkunu ssottoskrivew jew xtraw it-titoli fil-kuntest ta' distribuzzjoni sinifikanti, u fl-interess tal-emittent, in-negozjar fi blokok li jkunu strettament tranżazzjonijiet privati ma għandhomx jitqiesu bħala distribuzzjoni sinifikanti ta' titoli.

([1]) ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1.

(7) Fil-kuntest ta' offerti pubbliċi inizjali, ċerti Stati Membri jippermettu l-kummerċ qabel il-bidu tal-kummerċ uffiċjali f'suq regolat. Dan spiss jissejjaħ "when issued trading". Għalhekk, dan għandu jkun possibbli għall-finijiet tal-eżenzjoni għall-istabbilizzazzjoni ta' titoli li l-perjodu ta' stabbilizzazzjoni jibda qabel il-bidu tal-kummerċ uffiċjali sakemm ċerti kundizzjonijiet ta' trasparenza u ta' kummerċ ikunu ssodisfati.

(8) L-integrità tas-suq teħtieġ l-iżvelar pubbliku adegwat ta' miżuri ta' stabbilizzazzjoni. Ir-rappurtar tat-tranżazzjonijiet ta' stabbilizzazzjoni huwa wkoll neċessarju sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jissorveljaw il-miżuri ta' stabbilizzazzjoni. Sabiex tkun żgurata l-protezzjoni tal-investitur, tiġi ppreżervata l-integrità tas-swieq u jipi skoraġġit l-abbuż mis-suq, huwa importanti wkoll li l-awtoritajiet kompetenti, fit-twettiq tal-attivitajiet superviżorji tagħhom, ikunu konxji ta' kull tranżazzjoni ta' stabbilizzazzjoni, irrispettivament minn jekk isiru f'ċentru tan-negozjar kif barra minnu. Barra minn hekk, huwa xieraq li tiġi ċċarata minn qabel id-diviżjoni tar-responsabbiltajiet bejn l-emittenti, l-offerenti, jew l-entitajiet li jindaħlu għall-istabbilizzazzjoni fir-rigward tat-twettiq ta' rekwiżiti applikabbli ta' rapportar u ta' trasparenza. Tali diviżjoni ta' responsabbiltajiet għandha tieħu f'kunsiderazzjoni min ikun fil-pussess ta' informazzjoni rilevanti. L-entità maħtura għandha tkun ukoll responsabbli li twieġeb għal kull talba mill-awtorità kompetenti f'kull Stat Membru kkonċernat. Sabiex jiġi żgurat aċċess faċli għal kull investitur jew parteċipant fis-suq, l-informazzjoni li għandha tiġi divulgata qabel il-bidu tal-offerta inizjali jew sekondarja tat-titoli li għandhom jiġu stabbilizzati skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 809/2004 ([1]), tkun bla ħsara għar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni skont l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament.

(9) Għandu jkun hemm fil-post kordinament adegwat bejn id-ditti kollha tal-investiment u l-istituzzjonijiet tal-kreditu li jindaħlu għall-istabbilizzazzjoni. Matul l-istabbilizzazzjoni, azjenda ta' investiment jew istituzzjoni tal-kreditu waħda għandha taġixxi bħala punt ċentrali ta' investigazzjoni għal kull intervent regolatorju mill-awtoritajiet kompetenti ta' kull wieħed mill-Istati Membri interessati.

(10) Biex jiġu pprovduti riżorsi u kopertura għall-attività tal-istabbilizzazzjoni, għandhom ikunu permessi l-istabbilizzazzjoni anċillarja fil-forma tal-eżerċizzju ta' sovrallokazzjoni jew inkella l-għażliet hekk imsejħa "greenshoe". Madankollu, huwa importanti li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet rigward it-trasparenza ta' tali stabbilizzazzjoni anċillarja u l-mod kif din tiġi eżerċitata, inkluż il-perjodu li matulu tista' titwettaq. Barra minn dan, għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-eżerċizzju ta' faċilità ta' sovrallokazzjoni minn ditta tal-investiment jew minn istituzzjoni tal-kreditu għall-iskop ta' stabbilizzazzjoni meta jirriżulta f'pożizzjoni mhux koperta bil-għażla "greenshoe".

(11) Sabiex tiġi evitata l-konfużjoni, l-istabbilizzazzjoni għandha titwettaq b'tali mod li jitqiesu l-kundizzjonijiet tas-suq u l-prezz tal-offerti tat-titoli. Tranżazzjonijiet sabiex jillikwidaw pożizzjonijiet li kienu ġew stabbiliti bħala riżultat ta' miżuri ta' stabbilizzazzjoni għandhom isiru biex jimminimizzaw l-impatt tas-suq, b'kunsiderazzjoni xierqa mogħtija għall-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq. Billi l-għan tal-istabbilizzazzjoni hu li jiġi sostnut il-prezz, il-bejgħ ta' titoli li jkunu ġew akkwistati permezz ta' xiri ta' stabbilizzazzjoni, inkluż bejgħ sabiex tiġi ffaċilitata attività sussegwenti ta' stabbilizzazzjoni, ma għandux jitqies li jkun għall-finijiet ta' sostenn tal-prezzijiet. La dan il-bejgħ u lanqas ix-xirjiet sussegwenti ma għandhom jiġu kkunsidrati abbużivi fihom infushom, anki jekk huma ma jkunux jibbenefikaw mill-eżenzjoni pprovduta skont ir-Regolament (UE) Nru 596/2014.

(12) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji sottomess mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq lill-Kummissjoni.

(13) L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq għamlet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat l-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(14) Sabiex ikun żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-swieq finanzjarji, huwa neċessarju li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza u li d-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament japplikaw mill-istess data bħal dawk stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 596/2014,

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 809/2004 tad-29 ta' April 2004 li jimplimenta d-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-informazzjoni inkluża fil-prospetti u kif ukoll il-format, l-inkorporazzjoni b'referenza u l-pubblikazzjoni ta' prospetti bħal dawn u d-disseminazzjoni tar-reklami (ĠU L 149, 30.4.2004, p. 1).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

**DIŻPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 1*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "programm ta' riakkwist skedat biż-żmien" tfisser programm ta' riakkwist li fih id-dati u l-kwantitajiet tat-titoli li jridu jiġu kkummerċjati matul il-perjodu taż-żmien tal-programm jiġu ddikjarati fil-mument tad-divulgazzjoni pubblika tal-programm ta' riakkwist;

(b) "divulgazzjoni pubblika adegwata" tfisser il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni b'tali mod li jippermetti aċċess rapidu u sħiħ, valutazzjoni korretta u f'waqtha tal-informazzjoni mill-pubbliku skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1055 ([1]) u, fejn applikabbli, fil-mekkaniżmu maħtur uffiċjalment imsemmi fl-Artikolu 21 tad-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]);

(c) "offerent" tfisser il-pussessur ta' qabel, jew l-entità tal-ħruġ, tat-titoli;

(d) "tqassim" tfisser il-proċess jew il-proċessi li bihom jiġi stabbilit in-numru ta' titoli li jridu jiġu rċevuti minn investituri li preċedentement ikunu ssottoskrivew u applikaw għalihom;

(e) "stabbilizzazzjoni anċillarja" tfisser l-eżerċizzju tal-faċilità tas-sovrallokazzjoni jew ta' għażla "greenshoe" mid-ditti tal-investment jew l-istituzzjonijiet tal-kreditu, fil-kuntest ta' distribuzzjoni sinifikanti ta' titoli, esklussivament sabiex tiġi ffaċilita l-attivita ta' stabbilizzazzjoni;

(f) "faċilita ta' sovrallokazzjoni" tfisser klawżola fil-ftehim tas-sottoskrizzjoni jew il-ftehim tal-ġestjoni prinċipali li tippermetti l-aċċettazzjoni ta' sottoskrizzjonijiet jew offerti għax-xiri ta' numru iktar ta' titoli milli offruti oriġinarjament;

(g) "għażla greenshoe" tfisser għażla konċessa mill-offerent favur ditta/ditti tal-investiment jew istituzzjoni/jiet tal-kreditu involuti fl-offerta bil-għan li tkopri s-sovrallokazzjonijiet, li skont it-termini tagħha din/dawn id-ditta/ditti jew istituzzjoni/jiet ikunu jistgħu jixtru sa ċertu ammont ta' titoli bil-prezz tal-offerta għal ċertu perjodu taż-żmien wara l-offerta tat-titoli.

KAPITOLU II

**PROGRAMMI TA' RIAKKWIST**

*Artikolu 2*

**Obbligi ta' divulgazzjoni u rappurtar**

1. Sabiex jibbenefika mill-eżenzjoni stipulata fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, qabel il-bidu tan-negozjar fi programm ta' riakkwist permess skont l-Artikolu 21(1) tad-Direttiva 2012/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), l-emittent jara li jkun hemm id-divulgazzjoni pubblika adegwata tat-tagħrif li ġej:

(a) l-iskop tal-programm kif imsemmi fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014;

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1055 tad-29 ta' Ġunju 2016 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-mezzi tekniċi għall-iżvelar pubbliku xieraq ta' informazzjoni privileġġata u biex jiġi ttardjat l-iżvelar pubbliku ta' informazzjoni privileġġata skont ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ara paġna 47 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) Id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38).

([3]) Id-Direttiva 2012/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri ta' kumpanniji fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 54 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dwar il-formazzjoni ta' kumpanniji pubbliċi ta' responsabbiltà limitata u ż-żamma u t-tibdil tal-kapital tagħhom, bil-għan li jagħmlu dawn is-salvagwardji ekwivalenti (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 74).

(b) l-ammont finanzjarju massimu allokat għall-programm;

(c) in-numru massimu ta' ishma li għandhom jiġu akkwistati;

(d) il-perjodu li għalih tkun ingħatat awtorizzazzjoni għall-programm (minn hawn 'il quddiem: "il-perjodu tal-programm").

L-emittent jara li ssir divulgazzjoni pubblika adegwata ta' bidliet sussegwenti għall-programm u għall-informazzjoni li diġà tkun ippubblikata skont l-ewwel subparagrafu.

2. L-emittent ikollu mekkaniżmi fis-seħħ li jippermettulu li jkun jista' jissodisfa l-obbligi ta' rappurtar lill-awtorità kompetenti u li jirreġistraw kull tranżazzjoni li jkollha x'taqsam ma' programm ta' riakkwist, inkluża l-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014. L-emittent jirrapporta lill-awtorità kompetenti ta' kull ċentru tan-negozjar, li fih jiġu ammessi ishma għan-negozjar jew jiġu nnegozjati mhux aktar tard minn tmiem is-seba' sessjoni ta' kuljum tas-suq wara d-data tat-twettiq tat-tranżazzjoni, it-tranżazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-programm ta' riakkwist, f'forma dettaljata u f'forma aggregata. Il-forma aggregata tindika l-volum aggregat u l-prezz medju ponderat għal kull jum u għal kull ċentru tan-negozjar.

3. L-emittent jara li jkun hemm divulgazzjoni pubblika adegwata dwar it-tranżazzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu mal-programmi ta' riakkwist li ssir referenza għalihom fil-paragrafu 2 mhux iktar tard minn tmiem is-seba' sessjoni ta' kuljum tas-suq wara d-data tat-twettiq ta' tali tranżazzjonijiet. L-emittent iqiegħed ukoll fuq is-sit web tiegħu t-tranżazzjonijiet divulgati u jżomm dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin mid-data tad-dvulgazzjoni pubblika adegwata.

*Artikolu 3*

**Il-kundizzjonijiet għall-kummerċ**

1. Sabiex jibbenefikaw mill-eżenzjoni stipulata fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, it-tranżazzjonijiet relatati ma' programmi ta' riakkwist jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-ishma jinxtraw mill-emittent f'ċentru tan-negozjar fejn l-ishma huma ammessi għan-negozjar jew innegozjati;

(b) fil-każ ta' ishma nnegozjati kontinwament f'ċentru tan-negozjar, l-ordnijiet ma jitqegħdux matul fażi ta' irkant u l-ordnijiet imqiegħda qabel il-bidu tal-fażi tal-irkant ma jiġux immodifikati waqt din il-fażi;

(c) fil-każ ta' ishma nnegozjati biss f'post tan-negozjar permezz ta' rkantijiet, l-ordnijiet isiru u jiġu modifikati mill-emittent matul l-irkant bil-kundizzjoni li parteċipanti oħra tas-suq jkollhom biżżejjed żmien biex jirreaġixxu għalihom.

2. Sabiex jibbenefikaw mill-eżenzjoni stipulata fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, l-emittenti, fl-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet permezz tal-programm ta' riakkwist, ma jixtrux ishma bi prezz ogħla mill-prezz iktar għoli tal-aħħar negozjar indipendenti u l-ogħla offerta indipendenti korrenti ta' xiri fiċ-ċentru tan-negozjar fejn isir ix-xiri, inkluż meta l-ishma jkunu nnegozjati f'ċentri tan-negozjar differenti.

3. Sabiex jibbenefikaw mill-eżenzjoni stipulata fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, l-emittenti, fl-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet permezz ta' programm ta' riakkwist, ma jixtrux fi kwalunkwe jum ta' negozjar aktar minn 25 % tal-volum medju ta' kuljum tal-ishma fiċ-ċentri tan-negozjar li fih isir ix-xiri.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-volum medju ta' kuljum ikun imsejjes fuq il-volum medju ta' kuljum innegozjat matul xi wieħed mill-perjodi li ġejjin:

(a) fix-xahar ta' qabel ix-xahar tad-divulgazzjoni rikjesta skont l-Artikolu 2(1); tali volum fiss issir referenza għalih fil-programm ta' riakkwist u japplika għall-perjodu ta' dak il-programm;

(b) l-20 jum ta' kummerċ ta' qabel id-data tax-xiri, meta l-programm ma jagħmel l-ebda riferiment għal dan il-volum.

*Artikolu 4*

**Restrizzjonijiet fuq il-kummerċ**

1. Sabiex jibbenefika mill-eżenzjoni stipulata fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, l-emittent, għal kemm idum il-programm ta' riakkwist, ma jidħolx fl-attivitajiet li ġejjin:

(a) il-bejgħ ta' ishma proprji;

(b) negozju matul il-perjodu magħluq li ssir referenza għalih fl-Artikolu 19(11) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014;

(c) negozju fejn l-emittent ikun iddeċieda li jdewwem id-divulgazzjoni pubblika tat-tagħrif privileġġat skont l-Artikolu 17(4) jew (5) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014.

2. Il-paragrafu 1 ma japplikax meta:

(a) l-emittent ikollu programm ta' riakkwist skedat biż-żmien: jew

(b) il-programm ta' riakkwist ikun ġestit u mmexxi minn ditta tal-investiment jew minn istituzzjoni tal-kreditu li tagħmel id-deċiżjonijiet ta' negozju tagħha rigward meta tagħmel ix-xiri tal-ishma tal-emittent b'mod indipendenti mill-emittent.

3. Il-punt (a) tal-paragrafu 1 ma japplikax jekk l-emittent ikun ditta tal-investiment jew istituzzjoni tal-kreditu u jkun stabbilixxa, implimenta u jżomm arranġamenti u proċeduri interni adegwati u effettivi, taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti, sabiex jipprevjeni divulgazzjoni illegali ta' informazzjoni privileġġata minn persuni li jkollhom aċċess għall-informazzjoni privileġġata li tirrigwarda, direttament jew indirettament, lill-emittent lil persuni responsabbli għal kull deċiżjoni rigward il-kummerċ tal-ishma proprji, waqt il-kummerċ fl-ishma proprji abbażi ta' tali deċiżjoni.

4. Il-punti (b) u (c) tal-paragrafu 1 ma japplikawx jekk l-emittent ikun ditta tal-investiment jew istituzzjoni tal-kreditu u jkun stabbilixxa, implimenta u jżomm arranġamenti u proċeduri interni adegwati u effettivi, taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti, sabiex jipprevjeni divulgazzjoni illegali ta' informazzjoni privileġġata minn persuni li jkollhom aċċess għall-informazzjoni privileġġata li tirrigwarda, direttament jew indirettament, lill-emittent, inklużi deċiżjonijiet ta' akkwist permezz tal-programm ta' riakkwist, lil persuni responsabbli għall-kummerċ ta' ishma proprji f'isem klijenti, waqt in-negozjar ta' ishma proprji f'isem dawk il-klijenti.

KAPITOLU III

**MIŻURI TA' STABBILIZZAZZJONI**

*Artikolu 5*

**Kundizzjonijiet rigward il-perjodu ta' stabbilizzazzjoni**

1. Rigward l-ishma u titoli oħra ekwivalenti għall-ishma, il-perjodu limitat li ssir referenza għalih fl-Artikolu 5(4)(a) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 (minn hawn 'il quddiem "il-perjodu ta' stabbilizzazzjoni"):

(a) fil-każ ta' distribuzzjoni sinifikanti fil-forma ta' offerta inizjali mħabbra pubblikament, jibda fid-data tal-bidu tan-negozjar tat-titoli fiċ-ċentru tan-negozjar konċernat u jintemm mhux aktar tard minn 30 jum tal-kalendarju wara dan.

(b) fil-każ ta' distribuzzjoni sinifikanti fil-forma ta' offerta sekondarja, jibda fid-data ta' divulgazzjoni pubbliku adegwata tal-prezz finali tat-titoli u jintemm mhux iktar tard minn 30 jum tal-kalendarju wara d-data tat-tqassim.

2. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 1, meta l-offerta inizjali mħabbra pubblikament issir fi Stat Membru li jippermetti n-negozjar qabel il-bidu tan-negozjar f'ċentru tan-negozjar, il-perjodu ta' stabbilizzazzjoni jibda fid-data tad-divulgazzjoni pubblika adegwata tal-prezz finali tat-titoli u jdum mhux aktar tard minn 30 jum tal-kalendarju wara dan. Tali negozjar isir f'konformità mar-regoli applikabbli taċ-ċentru tan-negozjar li fih it-titoli jkun sejrin jiġu ammessi għan-negozjar, inkluża kull regola li tirrigwarda d-divulgazzjoni pubblika u r-rappurtaġġ tan-negozjar.

3. Fil-każ ta' bonds u forom oħra ta' dejn titolizzat, inkluż dejn titolizzat konvertibbli jew li jista' jiġi skambjat f'ishma jew f'titoli ekwivalenti għall-ishma, il-perjodu ta' stabbilizzazzjoni jibda mid-data tad-divulgazzjoni pubblika adegwata tat-termini tal-offerta tat-titoli u jintemm jew mhux iktar tard minn 30 jum tal-kalendarju wara d-data li fiha l-emittent tal-istrumenti jkun irċieva l-introjtu mill-ħruġ, jew mhux iktar tard minn 60 jum tal-kalendarju wara d-data tat-tqassim tat-titoli, liema minnhom tiġi l-ewwel.

*Artikolu 6*

**Obbligi ta' divulgazzjoni u rappurtar**

1. Qabel il-bidu tal-offerta inizjali jew sekondarja tat-titoli, il-persuna maħtura skont il-paragrafu 5 tiżgura divulgazzjoni pubblika adegwata tat-tagħrif li ġej:

(a) il-fatt li din l-istabbilizzazzjoni mhux neċessarjament li sseħħ u li tista' tintemm f'kull mument;

(b) il-fatt li t-tranżazzjonijiet ta' stabbilizzazzjoni għandhom l-għan li jsostnu l-prezz tas-suq tat-titoli matul il-perjodu ta' stabbilizzazzjoni;

(c) il-bidu u t-tmiem tal-perjodu ta' stabbilizzazzjoni, li matulu tista' sseħħ l-istabbilizzazzjoni;

(d) l-identità tal-entità li tkun qiegħda twettaq l-istabbilizzazzjoni, sakemm din ma tkunx magħrufa fil-mument tad-divulgazzjoni, f'liema każ tkun suġġetta għal divulgazzjoni pubblika xierqa qabel ma tibda l-istabbilizzazzjoni;

(e) l-eżistenza ta' kull faċilità ta' sovrallokazzjoni jew għażla "greenshoe" u l-għadd massimu ta' titoli koperti minn dik il-faċilità jew għażla, il-perjodu li matulu l-għażlai "greenshoe" tista' tiġi eżerċitata u kull kundizzjoni għall-użu tal-faċilità ta' sovrallokazzjoni jew eżerċizzju tal-għażla "greenshoe"; kif ukoll

(f) il-post fejn l-istabbilizzazzjoni tista' ssir inkluż, fejn rilevanti, l-isem taċ-ċentru/ċentri tan-negozjar.

2. Matul il-perjodu ta' stabbilizzazzjoni, il-persuni maħtura skont il-paragrafu 5 jaraw li jkun hemm divulgazzjoni pubblika adegwata tad-dettalji tat-tranżazzjonijiet ta' stabbilizzazzjoni kollha mhux iktar tard minn tmiem is-seba' sessjoni ta' kuljum tas-suq wara d-data tat-twettiq ta' dawn it-tranżazzjonijiet.

3. Fi żmien ġimgħa minn tmiem il-perjodu ta' stabbilizzazzjoni, il-persuna maħtura skont il-paragrafu 5 tiżgura divulgazzjoni pubblika adegwata tat-tagħrif li ġej:

(a) jekk tkunx saret l-istabbilizzazzjoni jew le;

(b) id-data li fiha tkun bdiet l-istabbilizzazzjoni;

(c) id-data li fiha tkun seħħet l-istabbilizzazzjoni l-aħħar darba;

(d) il-firxa tal-prezzijiet li fihom tkun twettqet l-istabbilizzazzjoni, għal kull waħda mid-dati li matulhom ikunu twettqu t-tranżazzjonijiet ta' stabbilizzazzjoni.

(e) iċ-ċentru/ċentri tan-negozjar li fihom ikunu twettqu t-tranżazzjonijiet ta' stabbilizzazzjoni, fejn applikabbli.

4. Għall-finijiet ta' konformità mar-rekwiżit ta' notifika stabbilit fl-Artikolu 5(5) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, l-entitajiet li jwettqu stabbilizzazzjoni, kemm jekk jaġixxu f'isem l-emittent jew l-offerent, kemm jew le, jirreġistraw kull ordni jew tranżazzjoni ta' stabbilizzazzjoni f'titoli u strumenti assoċjati skont l-Artikolu 25(1) u l-Artikolu 26(1),

(2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). L-entitajiet li jwettqu l-istabbilizzazzjoni, kemm jekk jaġixxu f'isem l-emittent jew l-offerent, kemm jekk le, jinnotifikaw kull tranżazzjoni ta' stabbilizzazzjoni f'titoli u strumenti assoċjati li jkunu saru lil:

(a) l-awtorità kompetenti ta' kull ċentru tan-negozjar li fiha t-titoli fil-proċess ta' stabbilizzazzjoni jkunu ammessi għan-negozjar jew huma nnegozjati;

(b) l-awtorità kompetenti ta' kull ċentru tan-negozjar fejn jitwettqu t-tranżazzjonijiet fi strumenti assoċjati għall-istabbilizzazzjoni tat-titoli,

5. L-emittent, l-offerent u kull entità li twettaq l-istabbilizzazzjoni, kif ukoll il-persuni li jaġixxu f'isimhom, jaħtru wieħed minnhom biex jaġixxi bħala punt ċentrali responsabbli:

(a) għar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni pubblika li ssir referenza għaliha fil-paragrafi 1, 2 u 3; kif ukoll

(b) biex tittratta xi talba li ssir minn xi waħda mill-awtoritajiet kompetenti li ssir referenza għalihom fil-paragrafu 4.

*Artikolu 7*

**Kundizzjonijiet tal-prezz**

1. Fil-każ ta' offerta ta' ishma jew ta' titoli oħra ekwivaenti ta' ishma, l-istabbilizzazzjoni tat-titoli fl-ebda ċirkostanza ma ssir bi prezz ogħla mill-prezz tal-offerta.

2. Fil-każ ta' offerta ta' dejn titolizzat konvertibbli jew li jista' jiġi skambjat f'ishma jew f'titoli oħra ekwivalenti ta' ishma, l-istabbilizzazzjoni ta' dawn l-istrumenti ta' dejn fl-ebda ċirkustanza ma ssir bi prezz ogħla l-prezz tas-suq ta' dawk l-istrumenti fil-mument tad-divulgazzjoni pubblika tal-kundizzjonijiet finali tal-offerta l-ġdida.

*Artikolu 8*

**Il-kundizzjonijiet għall-istabbilizzazzjoni anċillarja**

L-istabbilizzazzjoni anċillari ssir f'konformita mal-Artikoli 6 u 7 u tkun konformi mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) it-titoli għandhom jiġu sovrallokati biss matul il-perjodu tas-sottoskrizzjoni bil-prezz tal-offerta;

(b) pożizzjoni li tirriżulta mill-eżerċizzju ta' faċilita ta' sovrallokazzjoni minn ditta tal-investiment jew istituzzjoni tal-kreditu li ma tkunx koperta mill-għażla "greenshoe" ma taqbiżx il-5 % tal-offerta oriġinali;

(c) l-għażla "greenshoe" tiġi eżerċitata mill-benefiċjarji ta' tali għażla biss meta t-titoli jkunu ġew sovrallokati;

(d) l-għażla "greenshoe" ma tammontax għal iktar minn 15 % tal-offerta oriġinali;

(e) il-perjodu li matulu l-għażla "greenshoe" tkun tista' tiġi eżerċitata jkun l-istess bħall-perjodu tal-istabbilizzazzjoni skont l-Artikolu 5;

(f) l-eżerċizzju tal-għażla "greenshoe" jiġi divulgat lill-pubbliku fil-pront, flimkien mad-dettalji kollha approprjati, inklużi b'mod partkolari d-data tal-eżerċizzju tal-għażla u n-numru u n-natura tat-titoli involuti.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84).

KAPITOLU IV

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 9*

**Id-Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum li jsegwi dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Jibda japplika mit-3 ta' Lulju 2016.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Marzu 2016.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Jean-Claude JUNCKER

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1053

## tat-28 ta' Ġunju 2016

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95 fir-rigward tal-iffissar tal-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd kif ukoll għall-albumina tal-bajd

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 183(b) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti prodotti li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli u jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1216/2009 u (KE) Nru 614/2009 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(6)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1484/95 ([3]) stipula regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' sistema ta' dazji addizzjonali fuq l-importazzjoni u ffissal-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u l-bajd kif ukoll għall-albumina tal-bajd.

(2) Minn kontroll regolari tad-dejta li abbażi tagħha jiġu stabbiliti l-prezzijiet rappreżentattivi għall-prodotti tas-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd kif ukoll għall-albumina tal-bajd, jirriżulta li l-prezzijiet rappreżentattivi għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti għandhom jiġu emendati biex jitqiesu l-varjazzjonijiet fil-prezzijiet skont l-oriġini.

(3) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1484/95 għandu jiġi emendat skont dan.

(4) Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat li din il-miżura tapplika kemm jista' jkun malajr wara li d-dejta aġġornata ssir disponibbli, jeħtieġ li r-Regolament preżenti jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1484/95 jinbidel bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Ġunju 2016.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) ĠU L 150, 20.5.2014, p. 1.

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1484/95 tat-28 ta' Ġunju 1995 li jistabbilixxi r-regolamenti dettaljati għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' dazji addizzjonali tal-importazzjoni u l-iffissar tal-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd, u biex iħassar ir-Regolament Nru 163/67/KEE (ĠU L 145, 29.6.1995, p. 47).

*ANNESS*

*"ANNESS I*

| Il-Kodiċi tan-NM | Id-deskrizzjoni tal-prodotti | Il-prezz rappreżentattiv (f'EUR/100 kg) | Il-garanzija msemmija fl-Artikolu 3 (f'EUR/100 kg) | L-oriġini [1] |
|---|---|---|---|---|
| 0207 12 10 | Karkassi tat-tiġieġ bi preżentazzjoni ta' 70 %, iffriżati | 122,1 | 0 | AR |
| 0207 12 90 | Karkassi tat-tiġieġ bi preżentazzjoni ta' 65 %, iffriżati | 136,1 | 0 | AR |
| | | 162,5 | 0 | BR |
| 0207 14 10 | Qatgħat mingħajr għadam tas-sriedaq jew tat-tiġieġ, iffriżati | 273,1 | 8 | AR |
| | | 177,5 | 41 | BR |
| | | 280,4 | 6 | CL |
| | | 224,4 | 23 | TH |
| 0207 27 10 | Qatgħat mingħajr għadam tad-dundjani, iffriżati | 341,3 | 0 | BR |
| | | 308,1 | 0 | CL |
| 0408 91 80 | Bajd, mhux fil-qoxra, imnixxef | 390,3 | 0 | AR |
| 1602 32 11 | Preparazzjonijiet nejjin tas-sriedaq u tat-tiġieġ | 189,5 | 30 | BR |

(1) In-Nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" ifisser "oriġini oħrajn"."

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1054

## tad-29 ta' Ġunju 2016

## li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1238/2013 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriġinaw fi jew li huma kkonsenjati mir-Repubblika Tal-Poplu taċ-Ċina u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1239/2013 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriġinaw jew li huma kkonsenjati mir-Repubblika Tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkonsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) u 14(1),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) u 24(1),

Billi:

(1) Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1238/2013 ([3]), il-Kunsill impona dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' moduli fotovoltajċi bis-silikon kristallin u l-komponenti ewlenin (jiġifieri ċ-ċelloli) li joriġinaw jew li huma kkonsenjati mir-Repubblika Tal-Poplu taċ-Ċina ("RPĊ").

(2) Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1239/2013 ([4]), il-Kunsill impona wkoll dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjoni fl-Unjoni ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u l-komponenti ewlenin (jiġifieri ċ-ċelloli) li joriġinaw jew li huma kkonsenjati mir-RPĊ.

(3) Shanghai Chaori International Trading Co. Ltd ("il-kumpanija ikkonċernata"), il-kodiċi addizzjonali TARIC B872, kumpanija suġġetta għal rata ta' dazju antidumping individwali ta' 41,3 % u għal rata ta' dazju kompensatorju individwali ta' 6,4 %, innotifikat lill-Kummissjoni dwar il-bidla fl-isem tagħha għal GCL System Integration Technology Co., Ltd.

(4) Fl-2014, il-kumpanija kkonċernata ġiet iddikjarata falluta. Fi Frar 2015, il-kumpanija kkonċernata ġiet akkwistata minn Jiangsu GCL Energy Co., Ltd, li hija parti minn grupp ta' kumpaniji bil-kodiċi addizzjonali TARIC B850.

(5) Il-kumpanija kkonċernata argumentat li l-bdil ta' isimha ma jaffettwax id-dritt tagħha li tkompli tibbenefika mir-rata ta' dazju antidumping individwali u mir-rata ta' dazju kumpensatorju individwali li qabel kienu japplikaw għaliha.

(6) Madankollu, b'riżultat tal-akkwiżizzjoni, il-kumpanija kkonċernata mhux biss biddlet isimha għal GCL System Integration Technology Co., Ltd., iżda saret parti mill-grupp ta' kumpanniji bil-kodiċi addizzjonali TARIC B850 ([5]).

(7) Kemm il-kumpanija kkonċernata kif ukoll il-grupp ta' kumpaniji, imsemmijin fil-premessa (4), huma suġġetti għal rata ta' dazju antidumping individwali ta' 41,3 % u rata ta' dazju kompensatorju individwali ta' 6,4 %. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-bidla fl-isem ma taffettwa bl-ebda mod il-konklużjonijiet tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1238/2013 u (UE) Nru 1239/2013.

---

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
([2]) ĠU L 188, 18.7.2009, p. 93.
([3]) ĠU L 325, 5.12.2013, p. 1.
([4]) ĠU L 325, 5.12.2013, p. 66.
([5]) Jiġifieri minn Konca Solar Cell Co. Ltd., Suzhou GCL Photovoltaic Technology Co. Ltd, Jiangsu GCL Silicon Material Technology Development Co. Ltd, Jiangsu Zhongneng Polysilicon Technology Development Co. Ltd, GCL-Poly (Suzhou) Energy Limited, GCL-Poly Solar Power System Integration (Taicang) Co. Ltd, GCL SOLAR POWER (SUZHOU) LIMITED, GCL Solar System (Suzhou) Limited.

(8) Il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati kollha bil-fatti u bil-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kellha l-ħsieb li temenda r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1238/2013 u (UE) Nru 1239/2013. Dawn il-partijiet ngħataw perjodu li fih setgħu jikkummentaw dwar id-divulgazzjoni. L-ebda parti ma ppreżentat kummenti.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1238/2013 kif ukoll l-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1239/2013 huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ġunju 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1238/2013 u l-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1239/2013 huma emendati kif ġej:

(1) L-entrata għall-kodiċi addizzjonali TARIC B850 hija sostitwita b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "GCL SOLAR POWER (SUZHOU) LIMITED<br>GCL-Poly Solar Power System Integration (Taicang) Co. Ltd<br>GCL Solar System (Suzhou) Limited<br>GCL-Poly (Suzhou) Energy Limited<br>Jiangsu GCL Silicon Material Technology Development Co. Ltd<br>Jiangsu Zhongneng Polysilicon Technology Development Co. Ltd<br>Konca Solar Cell Co. Ltd<br>Suzhou GCL Photovoltaic Technology Co. Ltd<br>GCL System Integration Technology Co., Ltd. | B850" |

(2) L-entrata għall-kodiċi addizzjonali TARIC B872 hija sostitwita b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "Shanghai Chaori Solar Energy Science & Technology Co. Ltd | B872" |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1055

## tad-29 ta' Ġunju 2016

## li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-mezzi tekniċi għall-iżvelar pubbliku xieraq ta' informazzjoni privileġġata u biex jiġi ttardjat l-iżvelar pubbliku ta' informazzjoni privileġġata skont ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17(10) tiegħu,

Billi:

(1) Il-protezzjoni tal-investituri tirrekjedi żvelar pubbliku effettiv u f'waqtu ta' informazzjoni privileġġata mill-emittenti u mill-parteċipanti fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet. Sabiex tingħata garanzija fil-livell tal-Unjoni ta' aċċess ekwu tal-investituri għall-informazzjoni prvileġġata, l-informazzjoni privileġġata għandha tiġi żvelata b'mod pubbliku bla ħlas, b'mod simultanju u kemm jista' jkun malajr fost il-kategoriji kollha ta' investituri madwar l-Unjoni u għandha tkun ikkomunikata lill-medja li tiżgura disseminazzjoni effettiva lill-pubbliku.

(2) Fil-każ fejn il-parteċipanti fis-suq tal-kwoti tal-emissjoni diġà jkunu jissodisfaw rekwiżiti ekwivalenti ta' żvelar ta' informazzjoni privileġġata skont ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), u meta huma jkunu obbligati li jagħmlu żvelar pubbliku tal-istess informazzjoni skont dak ir-Regolament u r-Regolament (UE) Nru 596/2014, l-obbligi taħt dan ir-Regolament għandhom jitqiesu bħala li jkunu ssodisfati meta l-informazzjoni tkun żvelata bl-użu tal-pjattaforma għall-iżvelar ta' informazzjoni privileġġata għall-iskopijiet tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011, bil-kundizzjonijiet li l-informazzjoni privileġġata tiġi kkomunikata lill-medja relevanti.

(3) Huwa importanti li l-mezzi tekniċi għall-ittardjar tal-iżvelar tal-informazzjoni privileġġata jkunu jippermettu ż-żamma tal-informazzjoni kruċjali tal-proċess għall-ittardjar tal-iżvelar tal-informazzjoni privileġġata, b'mod li l-emittenti u l-parteċipanti fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet jkunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom li jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti.

(4) In-notifika tal-ittardjar tal-iżvelar tal-informazzjoni privileġġata u, fejn meħtieġ, l-ispjegazzjoni ta' kif ikunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet kollha applikabbli għall-ittardjar għandha tingħata lill-awtoritajiet kompetenti bil-miktub, bl-użu ta' mezzi elettroniċi sikuri speċifikati mill-istess awtorità kompetenti, biex b'hekk jiġu żgurati l-integrità u l-kunfidenzjalità tal-kontenut tal-informazzjoni, kif ukoll il-ħeffa tat-trażmissjoni.

(5) Sabiex l-awtorità kompetenti tkun tista' tidentifika l-persuni relevanti fl-emittent jew il-parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet, involuti fl-ittardjar tal-iżvelar tal-informazzjoni privileġġata, in-notifika tal-ittardjar għandha tinkludi l-identita tal-persuna li tkun għamlet in-notifika u tal-persuna jew persuni responsabbli mid-deċiżjoni li jiġi ttardjat l-iżvelar tal-informazzjoni privileġġjata. Bl-istess mod, dik in-notifika għandha wkoll tindika l-aspetti temporali tal-ittardjar biex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jevalwaw jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti mir-Regolament (UE) Nru 596/2014 rigward l-ittardjar ikunux issodisfati.

(6) Emittent li jkun istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja għandu jinforma lill-awtorità kompetenti bil-miktub bl-intenzjoni tal-ittardjar tal-iżvelar tal-informazzjoni privileġġata sabiex jippreserva l-istabbilità tas-sistema finanzjarja u, fir-rigward tan-natura sensittiva ta' tali informazzjoni u l-ħtieġa li tiġi żgurata kunfidenzjalità massima tal-kontenut tagħha, għandhom jintużaw standards xierqa ta' sigurtà għal dak il-għan.

([1]) ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1.
([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 1)

(7) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni sottomess mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS) lill-Kummissjoni.

(8) Fil-25 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni nnotifikat lill-AETS bl-intenzjoni tagħha li tappoġġa l-abbozz għal standard tekniku ta' implimentazzjoni b'emendi biex jikkunsidraw il-fatt li d-dispożizzjonijiet dwar l-iżvelar fir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 huma biżżejjed biex jiġi żgurat li l-parteċipanti fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet jiżvelaw informazzjoni privileġġata pubblikament, b'mod effikaċi u f'waqtu, kif meħtieġ mill-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1348/2014 ([1]) diġà jobbliga lill-parteċipanti fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet jipprovdu "web feeds" għall-iżvelar ibbażat fuq is-sit web biex isiru pubbliċi, b'mod effettiv u f'waqtu. Fl-opinjoni formali tagħha tas-16 ta' Ġunju 2016, l-AETS ikkonfermat il-pożizzjoni inizjali tagħha u ma reġgħetx ippreżentat l-istandard tekniku ta' implimentazzjoni emendat b'mod konsistenti mal-emendi proposti tal-Kummissjoni. Peress li r-rekwiżit ta' żvelar għall-parteċipanti fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 jista' jkun biżżejjed għall-fini tal-konformità mar-rekwiżiti fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, l-abbozz tal-istandard tekniku ta' implimentazzjoni jeħtieġ li jiġi emendat biex jiġu evitati rekwiżiti ta' rappurtar iddupplikati.

(9) L-AETS wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni li dan ir-Regolament huwa bbażat fuqhom, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Konċernati tas-Swieq tat-Titoli stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(10) Sabiex ikun żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-swieq finanzjarji, huwa neċessarju li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza u li d-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament japplikaw mill-istess data bħal dawk stabbiliti fir- Regolament (UE) Nru 596/2014,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjoni li ġejjin:

"mezzi elettroniċi" huma mezzi ta' tagħmir elettroniku għall-ipproċessar (inkluża l-kompressjoni diġitali), il-ħażna u t-trasmissjoni ta' dejta, li jkunu jużaw wajers, radju, teknoloġiji ottiċi, jew kull mezz elettromanjetiku ieħor.

KAPITOLU II

**MEZZI TEKNIĊI GĦALL-IŻVELAR PUBBLIKU KIF IMISS TA' INFORMAZZJONI PRIVILEĠĠATA**

*Artikolu 2*

**Mezzi ta' żvelar pubbliku ta' informazzjoni privileġġata**

1. L-emittenti u l-parteċipanti fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet għandhom jiżvelaw l-informazzjoni privileġġata bl-użu ta' mezzi tekniċi li jassiguraw li:

(a) L-informazzjoni privileġġata tiġi disseminata:

(i) lil pubbliku kemm jista' jkun wiesa' fuq bażi mhux diskriminatorja;

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1348/2014 tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar ir-rappurtar tad-dejta li jimplimenta l-Artikolu 8(2) u 8(6) tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa (ĠU L 363, 18.12.2014, p. 121),

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84)

(ii) bla ħlas;

(iii) simultanjament madwar l-Unjoni.

(b) L-informazzjoni privileġġata tiġi kkomunikata, direttament jew permezz ta' terza persuna, lill-midja li tista' tiġi fdata, b'mod raġonevoli mill-pubbliku, li tiżgura d-disseminazzjoni effettiva tagħha. Il-komunikazzjoni għandha tixxandar bl-użu ta' mezzi elettroniċi li jiżguraw li l-kompletezza, l-integrità u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni tinżamm matul it-trażmissjoni, u għandha b'mod ċar tidentifika:

(i) li l-informazzjoni kkomunikata tkun informazzjoni privileġġata;

(ii) l-identità tal-emittent jew tal-parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet: l-isem legali sħiħ;

(iii) l-identità tal-persuna li tkun qiegħda tagħmel in-notifika: l-isem, il-kunjom, il-pożizzjoni fl-emittent jew tal-parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet;

(iv) is-suġġett tal-informazzjoni privileġġata;

(v) id-data u l-ħin tal-komunikazzjoni lill-midja.

L-emittenti u l-parteċipanti fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet għandhom jiggarantixxu l-kompletezza, l-integrità u l-kunfidenzjalità billi jirrimedjaw kull nuqqas jew tħarbit fil-komunikazzjoni tal-informazzjoni privileġġata mingħajr dewmien.

2. Il-parteċipanti fil-kwoti tal-emissjonijiet li huma obbligati jagħmlu żvelar ta' informazzjoni privileġġata skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011 jistgħu jużaw il-mezzi tekniċi stabbiliti għall-iskopijiet tal-iżvelar tal-informazzjoni privileġġata skont dan ir-Regolament għall-iżvelar tal-informazzjoni privileġġata skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, sakemm l-informazzjoni privileġġata li jkun meħtieġ li tiġi żvelata jkollha b'mod sostanzjali l-istess kontenut u li l-mezzi tekniċi użati għall-iżvelar jiżguraw li l-informazzjoni privileġġata tkun ikkomunikata lill-medja relevanti.

*Artikolu 3*

**It-tqegħid ta' informazzjoni privileġġata fuq sit web**

Is-siti web li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 17(1) u (9) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) ikunu jippermettu lill-utenti li jkollhom aċċess għal informazzjoni privileġġata mqiegħda fuq sit web b'mod mhux diskriminatorju u bla ħlas;

(b) ikunu jippermettu lill-utenti li jsibu l-informazzjoni privileġġata fit-taqsima fis-sit web li tkun identifikabbli bla diffikultà;

(c) ikunu jiżguraw li l-informazzjoni privileġġata żvelata tindika b'mod ċar id-data u l-ħin tal-iżvelar u li l-informazzjoni tkun organizzata f'ordni kronoloġiku.

KAPITOLU III

**MEZZI TEKNIĊI GĦALL-ITTARDJAR TAL-IŻVELAR PUBBLIKU TA' INFORMAZZJONI PRIVILEĠĠATA**

*Artikolu 4*

**Notifika ta' żvelar ittardjat ta' informazzjoni privileġġata u spjegazzjoni bil-miktub**

1. Għall-iskop tal-ittardjar tal-iżvelar pubbliku tal-informazzjoni privileġġata f'konformita mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 17(4) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, l-emittenti u l-parteċipanti fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet għandhom jużaw mezzi tekniċi li jiżguraw l-aċċessibbiltà, il-leġibbiltà u ż-żamma f'mezz durabbli tal-informazzjoni li ġejja:

(a) id-dati u l-ħin meta:

(i) l-informazzjoni privileġġata tkun l-ewwel eżistiet fl-emittent jew il-parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet;

(ii) tkun saret id-deċiżjoni għall-ittardjar tal-iżvelar tal-informazzjoni privileġġata;

(iii) l-emittent jew il-parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet x'aktarx li jagħmel żvelar tal-informazzjoni privileġġata;

(b) l-identità tal-persuni fl-emittent jew il-parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet responsabbli għal:

(i) it-teħid tad-deċiżjoni li jiġi ttardjat l-iżvelar u d-deċiżjoni dwar il-bidu tal-ittardjar u meta x'aktarx li jintemm;

(ii) li jara li jkun hemm monitoraġġ kontinwu tal-kundizzjonijiet tal-ittardjar;

(iii) it-teħid tad-deċiżjoni li l-informazzjoni privileġġata tiġi żvelata pubblikament;

(iv) jipprovdi l-informazzjoni mitluba dwar l-ittardjar u l-ispjegazzjoni bil-miktub lill-awtorità kompetenti;

(c) evidenza tas-sodisfar inizjali tal-kundizzjonijiet li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 17(4) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, u dwar kull tibdil ta' dan is-sodisfar matul il-perjodu tal-ittardjar, inkluż:

(i) ix-xkiel għall-informazzjoni li jkun tqiegħdu internament u għar-rigward ta' partijiet terzi biex ma jkunx jista' jsir aċċess għal informazzjoni privileġġata minn persuni għajr dawk li jkollhom bżonnha fl-eżerċizzju normali tal-impjieg, il-professjoni jew id-dmirijiet tagħhom, fl-emittent jew il-parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet;

(ii) l-arranġamenti li jiġu stabbiliti għall-iżvelar tal-informazzjoni privileġġata relevanti kemm jista' jkun malajr meta l-kunfidenzjalità ma tkunx tista' tiġi ggarantita aktar.

2. L-emittenti u l-parteċipanti fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet għandhom jinfurmaw, permezz ta' notifika bil-miktub, lill-awtoritajiet kompetenti bl-ittardjar fl-iżvelar tal-informazzjoni privileġġata u jipprovdu spjegazzjoni bil-miktub ta' tali ttardjar permezz ta' punt ta' kuntatt apposta fi, jew maħtur minn, l-awtorità kompetenti bl-użu ta' mezzi elettroniċi speċifikati mill-awtorita kompetenti.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw fuq is-sit web tagħhom il-punt ta' kuntatt iddedikat fi, jew maħtur minn, l-awtorità kompetenti u l-mezzi elettroniċi li ssir referenza għalihom fl-ewwel subparagrafu. Dawk il-mezzi elettroniċi jiżguraw li l-kumpletezza, l-integrità u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni jinżammu matul il-trażmissjoni.

3. Il-mezzi elettroniċi li ssir referenza għalihom fil-paragrafu 2 jiżguraw li n-notifika tal-ittardjar tal-iżvelar tal-informazzjoni privileġġata tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-identità tal-emittent jew tal-parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet: l-isem legali sħiħ;

(b) l-identità tal-persuna li tkun qiegħda tagħmel in-notifika: l-isem, il-kunjom, il-pożizzjoni fl-emittent jew tal-parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet;

(c) id-dettalji tal-kuntatt tal-persuna li tkun qiegħda tagħmel in-notifika: l-indirizz tal-posta elettronika u n-numru tat-telefon professjonali;

(d) l-identifikazzjoni tal-informazzjoni privileġġata żvelata pubblikament li kienet suġġetta għal żvelar ittardjat: it-titolu tad-dikjarazzjoni ta' żvelar; in-numru ta' referenza fejn is-sistema li tintuża għad-disseminazjoni tal-informazzjoni privileġġata tassenja wieħed; id-data u l-ħin tal-iżvelar pubbliku tal-informazzjoni privileġġata;

(e) id-data u l-ħin tad-deċiżjoni biex l-iżvelar tal-informazzjoni privileġġata jiġi ttardjat;

(f) l-identità tal-persuni kollha responsabbli għad-deċiżjoni li jiġi ttardjat l-iżvelar pubbliku tal-informazzjoni privileġġata.

4. Meta l-ispjegazzjoni bil-miktub ta' ittardjar tal-iżvelar ta' informazzjoni privileġġata tiġi pprovduta biss fuq talba tal-awtorità kompetenti f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 17(4) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, il-mezzi elettroniċi li ssir referenza għalihom fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jiżguraw li tali spjegazzjoni bil-miktub tinkludi l-informazzjoni li ssir referenza għaliha fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 5*

**Notifika ta' intenzjoni ta' ittardjar tal-iżvelar tal-informazzjoni privileġġata**

1. Għall-iskopijiet tal-ittardjar tal-iżvelar pubbliku tal-informazzjoni privileġġata f'konformita mal-Artikolu 17(5) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, emittent li jkun istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni finanzjarja għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti notifika bil-miktub tal-intenzjoni tiegħu li jittardja l-iżvelar tal-informazzjoni privileġġata sabiex jippreserva l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, jiżgura l-kompletezza, l-integrità u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni, permezz ta' punt ta' kuntatt iddedikat li jkun fi, jew maħtur minn, l-awtorita kompetenti.

Meta l-emittent jittrasmetti n-notifika li ssir referenza għaliha fl-ewwel subparagrafu b'mod elettroniku, huwa għandu juża l-mezzi elettroniċi li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 4(2) ta' dan ir-Regolament.

2. L-awtorità kompetenti għandha tikkomunika lill-emittent id-deċiżjoni tagħha li tagħti l-kunsens tagħha, jew inkella le, għall-ittardjar tal-iżvelar abbażi tal-informazzjoni pprovduta fil-paragrafu 1 bil-miktub u tiżgura l-kompletezza, l-integrità u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni.

3. L-emittent għandu juża l-istess mezzi tekniċi użati biex l-awtorità kompetenti tiġi pprovduta bin-notifika li ssir referenza għaliha fil-paragrafu 1 biex jinforma lill-awtorità kompetenti b'kull informazzjoni ġdida li tista' taffettwa d-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti rigward l-ittardjar tal-iżvelar tal-informazzjoni privileġġata.

## KAPITOLU IV

## DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

### *Artikolu 6*

### Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Jibda japplika mit-3 ta' Lulju 2016.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ġunju 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1056**

**tad-29 ta' Ġunju 2016**

**li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 f'dak li għandu x'jaqsam mal-estensjoni tal-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva glifosat**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikulari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ([2]) tistabbilixxi s-sustanzi attivi li jitqiesu li ġew approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(2) Il-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva glifosat se jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2016. Tressqet applikazzjoni għat-tiġdid tal-inklużjoni ta' dik is-sustanza fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([3]) skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1141/2010 ([4]).

(3) Minħabba l-fatt li l-valutazzjoni tas-sustanza u d-deċiżjoni dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni ġew posposti minħabba raġunijiet li l-applikant ma kellux kontroll fuqhom, x'aktarx li l-approvazzjoni tas-sustanza attiva se tiskadi qabel ma tkun ittieħdet id-deċiżjoni dwar it-tiġdid tagħha.

(4) Wara s-sejbiet tal-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer dwar il-potenzjal karċinoġeniku tal-glifosat, fid-29 ta' April 2015 il-Kummissjoni tat mandat lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Awtorità") biex tanalizza l-informazzjoni sottostanti u tinkludi dawk is-sejbiet fil-konklużjoni tagħha. Fil-kuntest tal-proċedura ta' evalwazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-Awtorità kkonkludiet li l-glifosat x'aktarx mhux se joħloq riskju karċinoġeniku għall-bniedem u li l-evidenza disponibbli mhix se tappoġġa l-klassifikazzjoni armonizzata tal-glifosat skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 ([5]) f'dak li għandu x'jaqsam mal-potenzjal karċinoġeniku tiegħu. Madankollu, f'dan il-kuntest l-Awtorità fakkret li l-proposti tagħha dwar il-klassifikazzjoni, li hija kienet għamlet fil-kuntest tal-proċedura ta' evalwazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, mhumiex proposti formali għall-klassifikazzjoni armonizzata skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

(5) Fit-22 ta' Lulju 2015 ([6]), l-Istat Membru relatur qal li kien beħsiebu jressaq dossier dwar il-klassifikazzjoni armonizzata tal-glifosat, fosthom għall-klassi ta' periklu ta' karċinoġeniċità, skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Fis-17 ta' Marzu 2016, l-Istat Membru relatur ressaq dak id-dossier lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li għandha tagħti l-opinjoni tagħha dwar dan skont l-Artikolu 37(4) tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

---

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).
([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1).
([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1141/2010 tas-7 ta' Diċembru 2010 li jistabbilixxi l-proċedura għat-tiġdid tal-inklużjoni tat-tieni grupp ta' sustanzi attivi fl-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u li jistabbilixxi l-lista ta' dawk is-sustanzi (ĠU L 322, 8.12.2010, p. 10).
([5]) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).
([6]) Ir-reġistru tal-intenzjonijiet tal-ECHA. Dan huwa disponibbli onlajn fl-indirizz li ġej: http://echa.europa.eu/mt/addressing-chemicals-of-concern/registry-of-intentions

(6) Is-sejbiet tal-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer ivarjaw mill-proposta tal-Awtorità għall-klassifikazzjoni tal-glifosat b'rabta mal-potenzjal karċinoġeniku tiegħu. Barra minn hekk, il-proċedura għall-klassifikazzjoni armonizzata tal-glifosat kienet diġà bdiet. Id-diskussjonijiet li saru fit-18 u fid-19 ta' Mejju 2016 fil-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf urew li għadd ta' Stati Membri, fir-rwol tagħhom bħala maniġers tar-riskju, qiesu li, għas-sitwazzjoni speċifika tal-glifosat, kien xieraq li jkollhom l-opinjoni tal-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskji tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi dwar il-klassifikazzjoni armonizzata b'rabta mal-karċinoġeniċità tal-glifosat qabel ma jieħdu deċiżjoni dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni, minħabba li t-tali opinjoni tista' tkun rilevanti għall-approvazzjoni abbażi tal-kriterji stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(7) Minħabba ż-żmien meħtieġ biex jiġi vvalutat id-dossier dwar il-klassifikazzjoni armonizzata, hemm bżonn li l-Kummissjoni testendi l-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva sa sitt xhur mid-data meta taslilha l-opinjoni tal-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskji tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi iżda sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2017. Meta l-Kummissjoni tirċievi l-opinjoni tal-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskji tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, hija għandha tavża d-data meta din tkun waslitilha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(8) Fid-dawl tal-għan tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, f'każijiet fejn, wara li tkun irċeviet l-opinjoni tal-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskji tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, il-Kummissjoni tadotta Regolament li jipprevedi li ma tiġġeddidx l-approvazzjoni tal-glifosat minħabba li ma jkunux ġew issodisfati l-kriterji għall-approvazzjoni, hija se tistabbilixxi d-data tal-iskadenza tal-perjodu ta' approvazzjoni bħala d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament sakemm ma tiġġeddidx l-approvazzjoni tal-glifosat, anki jekk dik id-data tkun qabel id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni.

(9) Filwaqt li tqis l-estensjoni tal-perjodu ta' approvazzjoni tal-glifosat deskritta fil-premessi preċedenti, u fid-dawl tat-tħassib identifikat mill-Awtorità dwar l-użu tal-koformulant POE-tallowamin (bin-numru tas-CAS 61791-26-2) fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-glifosat, il-Kummissjoni se tibda tanalizza l-approvazzjoni tal-glifosat malajr kemm jista' jkun skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(10) Għaldaqstant, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 għandu jiġi emendat kif xieraq.

(11) Minħabba li l-approvazzjoni attwali tal-glifosat tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2016, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun.

(12) Il-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf ma tax opinjoni fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-President tiegħu. Tqies li kien hemm bżonn ta' att ta' implimentazzjoni u l-President ressaq l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni lill-kumitat tal-appell għal aktar deliberazzjoni. Il-kumitat tal-appell ma esprima l-ebda opinjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emenda tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011**

Fis-sitt kolonna tal-annotazzjoni 25 dwar il-glifosat mogħtija fil-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011, intitolata "Skadenza tal-approvazzjoni", il-kliem "30 ta' Ġunju 2016" qed jinbidel bil-kliem "Sitt xhur mid-data meta l-Kummissjoni tirċievi l-opinjoni tal-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskji tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi jew il-31 ta' Diċembru 2017, skont liema minnhom jiġi l-ewwel".

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ġunju 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1057

## tad-29 ta' Ġunju 2016

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ġunju 2016.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 135,4 |
| | ZZ | 135,4 |
| 0709 93 10 | TR | 138,7 |
| | ZZ | 138,7 |
| 0805 50 10 | AR | 160,3 |
| | CL | 198,5 |
| | MA | 174,9 |
| | UY | 142,5 |
| | ZA | 175,1 |
| | ZZ | 170,3 |
| 0808 10 80 | AR | 118,3 |
| | BR | 102,8 |
| | CL | 128,2 |
| | CN | 133,6 |
| | NZ | 144,7 |
| | UY | 71,6 |
| | ZA | 106,7 |
| | ZZ | 115,1 |
| 0809 10 00 | TR | 224,4 |
| | ZZ | 224,4 |
| 0809 29 00 | TR | 347,0 |
| | ZZ | 347,0 |
| 0809 30 10, 0809 30 90 | TR | 124,7 |
| | ZZ | 124,7 |
| 0809 40 05 | TR | 148,6 |
| | ZZ | 148,6 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1058

## tad-29 ta' Ġunju 2016

## li jagħlaq il-proċedura tal-offerti għax-xiri sfurzat ta' trab tal-ħalib xkumat f'intervent pubbliku miftuħa permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/826

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajnuniet u rifużjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(6) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/826 ([2]) fetaħ proċedura tal-offerti għax-xiri sfurzat ta' trab tal-ħalib xkumat hekk kif il-limitazzjoni kwantitattiva ta' 218 000 tunnellati stabbilita fl-Artikolu 3(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1370/2013 għax-xiri ta' trab tal-ħalib xkumat bi prezz fiss f'intervent pubbliku kienet inqabżet.

(2) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1370/2013, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1042 ([3]), żied il-limitazzjonijiet kwantitattivi applikabbli għax-xiri sfurzat ta' butir u ta' trab tal-ħalib xkumat bi prezz fiss għas-sena 2016 mit-30 ta' Ġunju 2016.

(3) Għalhekk, jixraq li tingħalaq il-proċedura tal-offerti miftuħa permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/826 u jerġa' jibda x-xiri sfurzat ta' trab tal-ħalib xkumat bi prezz fiss f'intervent pubbliku sakemm jintlaħqu l-limitazzjonijiet kwantitattivi.

(4) Billi, wara l-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament l-aġenziji tal-intervent għandhom jinnotifikaw minnufih lill-offerenti dwar l-għeluq tal-proċedura tal-offerti, dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Għeluq tal-proċedura tal-offerti**

Il-proċedura tal-offerti miftuħa permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/826 hija b'dan magħluqa.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

([1]) ĠU L 346, 20.12.2013, p. 12.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/826 tal-25 ta' Mejju 2016 li jagħlaq l-intervent tax-xiri (buying-in) ta' trab tal-ħalib xkumat bi prezz fiss għall-perjodu ta' intervent li jintemm fit-30 ta' Settembru 2016 u li jiftaħ il-proċedura tas-sejħa għall-offerti għax-xiri (ĠU L 137, 26.5.2016, p. 19).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1042 tal-24 ta' Ġunju 2016 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1370/2013 li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajnuniet u rifużjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli, rigward il-limitazzjonijiet kwantitattivi applikabbli għax-xiri sfurzat ta' butir u ta' trab tal-ħalib xkumat (ĠU L 170, 29.6.2016, p. 1).

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ġunju 2016.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Jerzy PLEWA
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1059

**tal-20 ta' Ġunju 2016**

**li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri fi ħdan il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u fi ħdan il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)**

*(notifikata bid-dokument C(2016) 3753)*

**(it-testi bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bl-Ingliż, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż, bil-Latvjan, bil-Litwan, bin-Netherlandiż, bil-Portugiż, bis-Sloven, u bit-Taljan biss huma awtentiċi)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52 tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 31 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 ([2]) u mill-1 ta' Jannar 2015 skont l-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, il-Kummissjoni għandha twettaq il-verifiki meħtieġa, tikkomunika lill-Istati Membri r-riżultati ta' dawn il-verifiki, tieħu nota tal-kummenti tal-Istati Membri, tibda diskussjoni bilaterali sabiex ikun jista' jintlaħaq ftehim mal-Istati Membri kkonċernati, u b'mod formali tikkomunikalhom il-konklużjonijiet tagħha.

(2) L-Istati Membri kellhom l-opportunità li jitolbu l-bidu ta' proċedura ta' konċiljazzjoni. Din l-opportunità ntużat f'xi każijiet u r-rapporti li nħarġu dwar ir-riżultati ġew eżaminati mill-Kummissjoni.

(3) Skont ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013, tista' tiġi ffinanzjata biss in-nefqa agrikola li tkun iġġarrbet b'tali mod li ma tkunx inkisret il-liġi tal-Unjoni.

(4) Fid-dawl tal-verifiki mwettqa, tar-riżultat li ħareġ mid-diskussjonijiet bilaterali u mill-proċeduri ta' konċiljazzjoni, parti min-nefqa ddikjarata mill-Istati Membri ma tissodisfax dan ir-rekwiżit, u għaldaqstant, ma tistax tiġi ffinanzjata mill-FAEG u l-FAEŻR.

(5) Għandhom jiġu indikati l-ammonti li mhumiex meqjusa li jistgħu jitħallsu mill-FAEG u mill-FAEŻR. Dawk l-ammonti mhumiex marbutin man-nefqa mġarrba aktar minn erbgħa u għoxrin xahar qabel in-notifika bil-miktub tal-Kummissjoni dwar ir-riżultati tal-verifiki lill-Istati Membri.

(6) Rigward il-każijiet koperti b'din id-Deċiżjoni, il-valutazzjoni tal-ammonti li jridu jiġu esklużi minħabba n-nuqqas ta' konformità tagħhom mal-liġi tal-Unjoni ġiet ikkomunikata lill-Istati Membri f'rapport ta' sinteżi li ħarġet il-Kummissjoni dwar is-suġġett ([3]).

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni — (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1).
([3]) D/1597464/2016-ANN2rev2-EN/FR and D/1597464/2016-ANN3rev1-Panache.

(7) Din id-Deċiżjoni hija bla preġudizzju għal kull konklużjoni finanzjarja li l-Kummissjoni tista' tasal għaliha abbażi tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'kawżi pendenti fl-1 ta' April 2016,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-ammonti stabbiliti fl-Anness u li huma marbuta man-nefqa mġarrba mill-aġenziji tal-pagamenti akkreditati tal-Istati Membri u ddikjarati skont il-FAEG jew il-FAEŻR għandhom jiġu esklużi mill-finanzjament tal-Unjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Bulgarija, lir-Repubblika Ċeka, lir-Renju tad-Danimarka, lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, lir-Renju ta' Spanja, lir-Repubblika Franċiża, lir-Repubblika Taljana, lir-Repubblika tal-Latvja, lir-Repubblika tal-Litwanja, lill-Gran Dukat tal-Lussemburgu, lir-Renju tan-Netherlands, lir-Repubblika Portugiża, lir-Repubblika tas-Slovenja, lir-Renju tal-Iżvezja, u lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Ġunju 2016.

*Għall-Kummissjoni*

Phil HOGAN

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

**Partita tal-baġit: 05040206**

| Stat Membru | Miżura | Sena Finanz-jarja | Raġuni | Tip | % tal-korrez-zjoni | Munita | Ammont | Tnaqqis | Impatt Finanzjarju |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **FR** | Gwida ŻR LEADER+ (RD-400) | 2008 | Rimborż wara s-sentenza tal-kawża T-516/10 | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | 7 437 217,61 | 0,00 | 7 437 217,61 |
| | | | | | **Total FR:** | **EUR** | **7 437 217,61** | **0,00** | **7 437 217,61** |

| Munita | Ammont | Tnaqqis | Impatt Finanzjarju |
|---|---|---|---|
| **EUR** | **7 437 217,61** | **0,00** | **7 437 217,61** |

**Partita tal-baġit: 05040501**

| Stat Membru | Miżura | Sena Finanz-jarja | Raġuni | Tip | % tal-korrez-zjoni | Munita | Ammont | Tnaqqis | Impatt Finanzjarju |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **CZ** | Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 1 tal-FAEŻR — Miżuri ta' appoġġ b'rata fissa (2007-2013) | 2011 | Rimborż fil-kawża T-32/16 | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | 151 171,36 | 0,00 | 151 171,36 |
| | Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 1 tal-FAEŻR — Miżuri ta' appoġġ b'rata fissa (2007-2013) | 2012 | Rimborż fil-kawża T-32/16 | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | 212 512,83 | 0,00 | 212 512,83 |
| | Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 1 tal-FAEŻR — Miżuri ta' appoġġ b'rata fissa (2007-2013) | 2013 | Rimborż fil-kawża T-32/16 | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | 220 615,06 | 0,00 | 220 615,06 |
| | | | | | **Total CZ:** | **EUR** | **584 299,25** | **0,00** | **584 299,25** |

| Stat Membru | Miżura | Sena Finanz-jarja | Raġuni | Tip | % tal-korrez-zjoni | Munita | Ammont | Tnaqqis | Impatt Finanzjarju |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **FR** | Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 2 tal-FAEŻR (2007-2013, miżuri marbutin maż-żona) | 2011 | L-annimali ma ngħaddewx u b'hekk ma saritx il-valutazzjoni tad-densità ta' bhejjem waqt il-verifiki fuq il-post — it-tneħħija tan-nagħaġ u tal-mogħoż li ma hemmx premium fuqhom | PERĊENT-WAL STMAT | – 0,48 % | EUR | 1 071 009,19 | – 8 925,08 | 1 079 934,27 |
| | Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 2 tal-FAEŻR (2007-2013, miżuri marbutin maż-żona) | 2012 | L-annimali ma ngħaddewx u b'hekk ma saritx il-valutazzjoni tad-densità ta' bhejjem waqt il-verifiki fuq il-post — it-tneħħija tan-nagħaġ u tal-mogħoż li ma hemmx premium fuqhom | PERĊENT-WAL STMAT | – 0,48 % | EUR | 1 386 002,35 | – 11 430,02 | 1 397 432,37 |
| Stat Membru | Miżura | Sena Finanzjarja | Raġuni | Tip | % tal-korrezzjoni | Munita | Ammont | Tnaqqis | Impatt Finanzjarju |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **DK** | Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 1 u 3 tal-FAEŻR — Miżuri orjentati lejn l-investiment (2007-2013) | 2008 | Nuqqasijiet fil-kontrolli ewlenin: il-verifika ta' kemm huma ġġustifikati l-ispejjez, l-ambitu tal-verifiki *ex post* | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | – 19 234,20 | 0,00 | – 19 234,20 |
| | Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 1 u 3 tal-FAEŻR — Miżuri orjentati lejn l-investiment (2007-2013) | 2009 | Nuqqasijiet fil-kontrolli ewlenin: il-verifika ta' kemm huma ġġustifikati l-ispejjez, l-ambitu tal-verifiki *ex post* | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | – 10 410,87 | 0,00 | – 10 410,87 |

| Stat Membru | Miżura | Sena Finanz-jarja | Raġuni | Tip | % tal-korrez-zjoni | Munita | Ammont | Tnaqqis | Impatt Finanzjarju |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 1 u 3 tal-FAEŻR — Miżuri orjentati lejn l-investiment (2007-2013) | 2010 | Nuqqasijiet fil-kontrolli ewlenin: il-verifika ta' kemm huma ġġustifikati l-ispejjez, l-ambitu tal-verifiki *ex post* | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | – 10 520,43 | 0,00 | – 10 520,43 |
| | Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 1 u 3 tal-FAEŻR — Miżuri orjentati lejn l-investiment (2007-2013) | 2011 | Nuqqasijiet fil-kontrolli ewlenin: il-verifika ta' kemm huma ġġustifikati l-ispejjez, l-ambitu tal-verifiki *ex post* | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | – 21 757,75 | 0,00 | – 21 757,75 |
| | Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 1 u 3 tal-FAEŻR — Miżuri orjentati lejn l-investiment (2007-2013) | 2012 | Nuqqasijiet fil-kontrolli ewlenin: il-verifika ta' kemm huma ġġustifikati l-ispejjez, l-ambitu tal-verifiki *ex post* | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | – 93 474,30 | 0,00 | – 93 474,30 |
| | Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 1 u 3 tal-FAEŻR — Miżuri orjentati lejn l-investiment (2007-2013) | 2013 | Nuqqasijiet fil-kontrolli ewlenin: il-verifika ta' kemm huma ġġustifikati l-ispejjez, l-ambitu tal-verifiki *ex post* | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | – 671 102,85 | 0,00 | – 671 102,85 |
| | Żvilupp rurali li jaqa' taħt l-investiment tal-FAEŻR — benefiċjarji privati | 2014 | Nuqqasijiet fil-kontrolli ewlenin: il-verifika ta' kemm huma ġġustifikati l-ispejjez, l-ambitu tal-verifiki *ex post* | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | – 1 187 926,23 | 0,00 | – 1 187 926,23 |
| | | | | | **Total DK:** | **EUR** | **– 2 014 426,63** | **0,00** | **– 2 014 426,63** |

| Stat Membru | Miżura | Sena Finanz-jarja | Raġuni | Tip | % tal-korrez-zjoni | Munita | Ammont | Tnaqqis | Impatt Finanzjarju |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **ES** | Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 4 LEADER tal-FAEŻR (2007-2013) | 2013 | Ebda verifikazzjoni ta' kemm huma ġġustifikati l-ispejjeż | TA' DARBA | | EUR | – 40 312,61 | 0,00 | – 40 312,61 |
| | Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 4 LEADER tal-FAEŻR (2007-2013) | 2013 | Nuqqas f'kontroll anċillari — nuqqas ta' rekords tan-numri tas-serje | RATA FISSA | 2,00 % | EUR | – 238 846,71 | 0,00 | – 238 846,71 |

| Stat Membru | Miżura | Sena Finanzjarja | Raġuni | Tip | % tal-korrezzjoni | Munita | Ammont | Tnaqqis | Impatt Finanzjarju |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Kundizzjonalità | 2011 | L-istruzzjonijiet biex isiru l-verifiki huma inadegwati, defiċjenzi fl-ambitu tal-verifiki, 2009 | RATA FISSA | 10,00 % | EUR | − 30 820,17 | − 238,69 | − 30 581,48 |
| | Kundizzjonalità | 2013 | L-istruzzjonijiet biex isiru l-verifiki huma inadegwati, defiċjenzi fl-ambitu tal-verifiki, 2010 | RATA FISSA | 10,00 % | EUR | − 29 052,62 | 0,00 | − 29 052,62 |
| | Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 2 tal-FAEŻR (2007-2013, miżuri mhux marbutin maż-żona) | 2012 | Nuqqas ta' rendikont tal-entrati fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet u fil-verifika tal-kriterji ta' eliġibbiltà — l-azzjonijiet tal-miżuri 226 u 227 implimentati b'mod dirett mir-reġjuni | RATA FISSA | 2,00 % | EUR | − 630 767,90 | 0,00 | − 630 767,90 |
| | Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 2 tal-FAEŻR (2007-2013, miżuri mhux marbutin maż-żona) | 2013 | Nuqqas ta' rendikont tal-entrati fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet u fil-verifika tal-kriterji ta' eliġibbiltà — l-azzjonijiet tal-miżuri 226 u 227 implimentati b'mod dirett mir-reġjuni | RATA FISSA | 2,00 % | EUR | − 1 092 936,85 | 0,00 | − 1 092 936,85 |
| | Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 2 tal-FAEŻR (2007-2013, miżuri marbutin maż-żona) | 2010 | Nuqqas ta' rkupru, ŻR, is-sena tat-talba 2009 | TA' DARBA | | EUR | − 106 540,72 | 0,00 | − 106 540,72 |
| | Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 2 tal-FAEŻR (2007-2013, miżuri marbutin maż-żona) | 2011 | Nuqqas ta' rkupru, ŻR, is-sena tat-talba 2010 | TA' DARBA | | EUR | − 507 976,98 | 0,00 | − 507 976,98 |
| | Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 2 tal-FAEŻR (2007-2013, miżuri marbutin maż-żona) | 2012 | Nuqqas ta' rkupru, ŻR, is-sena tat-talba 2011 | TA' DARBA | | EUR | − 726 960,97 | 0,00 | − 726 960,97 |

| Stat Membru | Miżura | Sena Finanz-jarja | Raġuni | Tip | % tal-korrez-zjoni | Munita | Ammont | Tnaqqis | Impatt Finanzjarju |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ċertifikazzjoni | 2014 | Żball l-Aktar Probabbli għall-FAEŻR mhux SIAK | TA' DARBA | | EUR | – 76 305,79 | 0,00 | – 76 305,79 |
| | Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 2 tal-FAEŻR (2007-2013, miżuri mhux marbutin maż-żona) | 2012 | Nuqqas ta' konformità mal-prinċipju tas-separazzjon tad-dmirijiet stipulat fl-Artikolu 25(4) tar-Regolament (UE) Nru 65/2011 — il-miżuri 226 u 227, għotjiet (jikkonċerna biss għadd ta' fajls) | RATA FISSA | 2,00 % | EUR | – 21 756,65 | 0,00 | – 21 756,65 |
| | Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 2 tal-FAEŻR (2007-2013, miżuri mhux marbutin maż-żona) | 2013 | Nuqqas ta' konformità mal-prinċipju tas-separazzjon tad-dmirijiet stipulat fl-Artikolu 25(4) tar-Regolament (UE) Nru 65/2011 — il-miżuri 226 u 227, għotjiet (jikkonċerna biss għadd ta' fajls) | RATA FISSA | 2,00 % | EUR | – 18 956,82 | 0,00 | – 18 956,82 |
| | Ċertifikazzjoni | 2014 | Rimborż lill-Fond | TA' DARBA | | EUR | 13 600,00 | 0,00 | 13 600,00 |
| | | | | | **Total ES:** | **EUR** | **– 3 507 634,79** | **– 238,69** | **– 3 507 396,10** |
| Stat Membru | Miżura | Sena Finanz-jarja | Raġuni | Tip | % tal-korrez-zjoni | Munita | Ammont | Tnaqqis | Impatt Finanzjarju |
| **GB** | Kundizzjonalità | 2011 | Il-kontroll ta' 3 KAAT u tar-rekwiżiti minimi għall-użu tal-fertilizzanti u tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti mhumiex adegwati, ir-rata minima tal-kontroll għall-SMR8 ma nkisbitx, id-daqs tal-kampjuni għall-SMR7 żgħir wisq, is-sena tat-talba 2010 | RATA FISSA | 2,00 % | EUR | – 204 524,82 | – 6 200,68 | – 198 324,14 |
| | Kundizzjonalità | 2012 | Il-kontroll ta' 3 KAAT u tar-rekwiżiti minimi għall-użu tal-fertilizzanti u tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti mhumiex adegwati, ir-rata minima tal-kontroll għall-SMR8 ma nkisbitx, id-daqs tal-kampjuni għall-SMR7 żgħir wisq, is-sena tat-talba 2010 | RATA FISSA | 2,00 % | EUR | 13 346,23 | – 1 357,03 | 14 703,26 |

| Stat Membru | Miżura | Sena Finanz-jarja | Raġuni | Tip | % tal-korrez-zjoni | Munita | Ammont | Tnaqqis | Impatt Finanzjarju |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Kundizzjonalità | 2013 | Il-kontroll ta' 3 KAAT u tar-rekwiżiti minimi għall-użu tal-fertilizzanti u tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti mhumiex adegwati, ir-rata minima tal-kontroll għall-SMR8 ma nkisbitx, id-daqs tal-kampjuni għall-SMR7 żgħir wisq, is-sena tat-talba 2010 | RATA FISSA | 2,00 % | EUR | 5 741,82 | – 305,80 | 6 047,62 |
| | Kundizzjonalità | 2011 | Il-kontroll ta' 3 KAAT u tar-rekwiżiti minimi għall-użu tal-fertilizzanti u tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti mhumiex adegwati, ir-rata minima tal-kontroll għall-SMR8 ma nkisbitx, id-daqs tal-kampjuni għall-SMR7 żgħir wisq, is-sena tat-talba 2010 | RATA FISSA | 2,00 % | EUR | – 350 753,25 | 0,00 | – 350 753,25 |
| | Kundizzjonalità | 2012 | Il-kontroll ta' 3 KAAT u tar-rekwiżiti minimi għall-użu tal-fertilizzanti u tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti mhumiex adegwati, ir-rata minima tal-kontroll għall-SMR8 ma nkisbitx, id-daqs tal-kampjuni għall-SMR7 żgħir wisq, is-sena tat-talba 2010 | RATA FISSA | 2,00 % | EUR | – 317 738,94 | 0,00 | – 317 738,94 |
| | Kundizzjonalità | 2013 | Il-kontroll ta' 3 KAAT u tar-rekwiżiti minimi għall-użu tal-fertilizzanti u tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti mhumiex adegwati, ir-rata minima tal-kontroll għall-SMR8 ma nkisbitx, id-daqs tal-kampjuni għall-SMR7 żgħir wisq, is-sena tat-talba 2010 | RATA FISSA | 2,00 % | EUR | 9 145,37 | – 15,58 | 9 160,95 |
| | Kundizzjonalità | 2014 | Il-kontroll ta' 3 KAAT u tar-rekwiżiti minimi għall-użu tal-fertilizzanti u tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti mhumiex adegwati, ir-rata minima tal-kontroll għall-SMR8 ma nkisbitx, id-daqs tal-kampjuni għall-SMR7 żgħir wisq, is-sena tat-talba 2010 | RATA FISSA | 2,00 % | EUR | 10 371,16 | – 966,81 | 11 337,97 |

| Stat Membru | Miżura | Sena Finanz-jarja | Raġuni | Tip | % tal-korrez-zjoni | Munita | Ammont | Tnaqqis | Impatt Finanzjarju |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Kundizzjonalità | 2012 | Il-kontroll ta' 3 KAAT u tar-rekwiżiti minimi għall-użu tal-fertilizzanti u tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti mhumiex adegwati, ir-rata minima tal-kontroll għall-SMR8 ma nkisbitx, id-daqs tal-kampjuni għall-SMR7 żgħir wisq, is-sena tat-talba 2012 | RATA FISSA | 2,00 % | EUR | – 361 073,80 | 0,00 | – 361 073,80 |
| | Kundizzjonalità | 2013 | Il-kontroll ta' 3 KAAT u tar-rekwiżiti minimi għall-użu tal-fertilizzanti u tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti mhumiex adegwati, ir-rata minima tal-kontroll għall-SMR8 ma nkisbitx, id-daqs tal-kampjuni għall-SMR7 żgħir wisq, is-sena tat-talba 2012 | RATA FISSA | 2,00 % | EUR | – 371 204,15 | 0,00 | – 371 204,15 |
| | Kundizzjonalità | 2014 | Il-kontroll ta' 3 KAAT u tar-rekwiżiti minimi għall-użu tal-fertilizzanti u tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti mhumiex adegwati, ir-rata minima tal-kontroll għall-SMR8 ma nkisbitx, id-daqs tal-kampjuni għall-SMR7 żgħir wisq, is-sena tat-talba 2012 | RATA FISSA | 2,00 % | EUR | 1 642,49 | 0,00 | 1 642,49 |
| | | | | | **Total GB:** | **EUR** | **– 1 565 047,89** | **– 8 845,90** | **– 1 556 201,99** |
| Stat Membru | Miżura | Sena Finanz-jarja | Raġuni | Tip | % tal-korrez-zjoni | Munita | Ammont | Tnaqqis | Impatt Finanzjarju |
| **IT** | Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 2 tal-FAEŻR (2007-2013, miżuri marbutin maż-żona) | 2014 | Nuqqas ta' traċċabbiltà tal-verifiki amministrattivi li twettqu (żjarat fuq il-post) għall-Miżura 214 (il-parti dwar ir-riżorsi ġenetiċi biss). | RATA FISSA | 2,00 % | EUR | – 20 143,37 | 0,00 | – 20 143,37 |
| | Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 2 tal-FAEŻR (2007-2013, miżuri mhux marbutin maż-żona) | 2013 | Nuqqas ta' traċċabbiltà tal-verifiki amministrattivi li twettqu (żjarat fuq il-post) għall-Miżuri 216, 226 u 227. | RATA FISSA | 2,00 % | EUR | – 287 733,55 | 0,00 | – 287 733,55 |

| Stat Membru | Miżura | Sena Finanzjarja | Raġuni | Tip | % tal-korrezzjoni | Munita | Ammont | Tnaqqis | Impatt Finanzjarju |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 2 tal-FAEŻR (2007-2013, miżuri mhux marbutin maż-żona) | 2014 | Nuqqas ta' traċċabbiltà tal-verifiki amministrattivi li twettqu (żjarat fuq il-post) għall-Miżuri 216, 226 u 227. | RATA FISSA | 2,00 % | EUR | – 351 204,50 | 0,00 | – 351 204,50 |
| | Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 1 tal-FAEŻR — Miżuri ta' appoġġ b'rata fissa (2007-2013) | 2012 | Miżura 112: nuqqas ta' konformità mar-regola tat-18-il xahar (l-Artikolu 13(4) tar-Regolament (KE) Nru 1974/2006) | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | – 29 568,70 | 0,00 | – 29 568,70 |
| | Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 1 tal-FAEŻR — Miżuri ta' appoġġ b'rata fissa (2007-2013) | 2013 | Miżura 112: nuqqas ta' konformità mar-regola tat-18-il xahar (l-Artikolu 13(4) tar-Regolament (KE) Nru 1974/2006) | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | – 473 821,00 | 0,00 | – 473 821,00 |
| | Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 1 tal-FAEŻR — Miżuri ta' appoġġ b'rata fissa | 2014 | Miżura 112: nuqqas ta' konformità mar-regola tat-18-il xahar (l-Artikolu 13(4) tar-Regolament (KE) Nru 1974/2006) | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | – 9 059,40 | 0,00 | – 9 059,40 |
| | Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 1 tal-FAEŻR — Miżuri ta' appoġġ b'rata fissa | 2015 | Miżura 112: nuqqas ta' konformità mar-regola tat-18-il xahar (l-Artikolu 13(4) tar-Regolament (KE) Nru 1974/2006) | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | – 3 425,50 | 0,00 | – 3 425,50 |
| | Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 2 tal-FAEŻR (2007-2013, miżuri mhux marbutin maż-żona) | 2013 | Nefqa mhux eliġibbli li nstabet waqt l-awditjar | TA' DARBA | | EUR | – 20 228,00 | 0,00 | – 20 228,00 |
| | Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 2 tal-FAEŻR (2007-2013, miżuri marbutin maż-żona) | 2014 | Nefqa mhux eliġibbli li nstabet waqt l-awditjar | TA' DARBA | | EUR | – 2 427,98 | 0,00 | – 2 427,98 |

| Stat Membru | Miżura | Sena Finanz-jarja | Raġuni | Tip | % tal-korrez-zjoni | Munita | Ammont | Tnaqqis | Impatt Finanzjarju |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 2 tal-FAEŻR (2007-2013, miżuri mhux marbutin maż-żona) | 2014 | Nefqa mhux eliġibbli li nstabet waqt l-awditjar | TA' DARBA | | EUR | – 28 173,30 | 0,00 | – 28 173,30 |
| | Kundizzjonalità | 2011 | Diversi SMR mhux ivverifikati bis-sħiħ, is-sistema tas-sanzjonijiet wisq klementi, bdiewa bl-annimali, is-sena tat-talba 2010 | AMMONT STMAT | | EUR | – 60 953,16 | 3,67 | – 60 956,83 |
| | Kundizzjonalità | 2012 | Diversi SMR mhux ivverifikati bis-sħiħ, is-sistema tas-sanzjonijiet wisq klementi, bdiewa bl-annimali, is-sena tat-talba 2011 | AMMONT STMAT | | EUR | – 82 528,15 | – 2 949,30 | – 79 578,85 |
| | Kundizzjonalità | 2013 | Diversi SMR mhux ivverifikati bis-sħiħ, is-sistema tas-sanzjonijiet wisq klementi, bdiewa bl-annimali, is-sena tat-talba 2012 | AMMONT STMAT | | EUR | – 89 122,06 | – 2 306,35 | – 86 815,71 |
| | Kundizzjonalità | 2011 | Żewġ SMR mhux ivverifikati bis-sħiħ, bdiewa mingħajr annimali, is-sena tat-talba 2010 | AMMONT STMAT | | EUR | – 17 826,41 | 0,00 | – 17 826,41 |
| | Kundizzjonalità | 2012 | Żewġ SMR mhux ivverifikati bis-sħiħ, bdiewa mingħajr annimali, is-sena tat-talba 2011 | AMMONT STMAT | | EUR | – 25 910,93 | 0,00 | – 25 910,93 |
| | Kundizzjonalità | 2013 | Żewġ SMR mhux ivverifikati bis-sħiħ, bdiewa mingħajr annimali, is-sena tat-talba 2012 | AMMONT STMAT | | EUR | – 29 891,85 | 0,00 | – 29 891,85 |
| | | | | | **Total IT** | **EUR** | **– 1 532 017,86** | **– 5 251,98** | **– 1 526 765,88** |

| Stat Membru | Miżura | Sena Finanz-jarja | Raġuni | Tip | % tal-korrez-zjoni | Munita | Ammont | Tnaqqis | Impatt Finanzjarju |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **LT** | Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 2 tal-FAEŻR (2007-2013, miżuri marbutin maż-żona) | 2012 | Il-kontroll tal-kriterji ta' eliġib-biltà għall-NH (segwitu tal-In-kjesta RD2/2009/010) | RATA FISSA | 2,00 % | EUR | – 233 271,48 | 0,00 | – 233 271,48 |
| | Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 2 tal-FAEŻR (2007-2013, miżuri marbutin maż-żona) | 2013 | Il-kontroll tal-kriterji ta' eliġib-biltà għall-NH (segwitu tal-In-kjesta RD2/2009/010) | RATA FISSA | 2,00 % | EUR | – 198 148,95 | 0,00 | – 198 148,95 |
| | Żvilupp Rurali li jaqa' taħt l-Assi 2 tal-FAEŻR (2007-2013, miżuri marbutin maż-żona) | 2014 | Il-kontroll tal-kriterji ta' eliġib-biltà għall-NH (segwitu tal-In-kjesta RD2/2009/010) | RATA FISSA | 2,00 % | EUR | – 304 459,02 | 0,00 | – 304 459,02 |
| | | | | | **Total LT:** | **EUR** | **– 735 879,45** | **0,00** | **– 735 879,45** |

| Stat Membru | Miżura | Sena Finanz-jarja | Raġuni | Tip | % tal-korrez-zjoni | Munita | Ammont | Tnaqqis | Impatt Finanzjarju |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **PT** | Kundizzjonalità | 2011 | KAAT waħda mhux iddefinita sew, defiċjenzi parzjali f'4 SMR, is-sistema tas-sanzjonijiet wisq klementi, is-sena tat-talba 2010 | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | – 231 656,69 | – 87,24 | – 231 569,45 |
| | Kundizzjonalità | 2012 | KAAT waħda mhux iddefinita sew, defiċjenzi parzjali f'4 SMR, is-sistema tas-sanzjonijiet wisq klementi, is-sena tat-talba 2010 | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | – 10 909,92 | 0,00 | – 10 909,92 |

| Stat Membru | Miżura | Sena Finanzjarja | Raġuni | Tip | % tal-korrezzjoni | Munita | Ammont | Tnaqqis | Impatt Finanzjarju |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Kundizzjonalità | 2013 | KAAT waħda mhux iddefinita sew, defiċjenzi parzjali f'4 SMR, is-sistema tas-sanzjonijiet wisq klementi, is-sena tat-talba 2010 | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | – 1 883,90 | 0,00 | – 1 883,90 |
| | Kundizzjonalità | 2011 | KAAT waħda mhux iddefinita sew, defiċjenzi parzjali f'4 SMR, is-sistema tas-sanzjonijiet wisq klementi, is-sena tat-talba 2011 | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | – 382 418,80 | – 19 445,93 | – 362 972,87 |
| | Kundizzjonalità | 2012 | KAAT waħda mhux iddefinita sew, defiċjenzi parzjali f'4 SMR, is-sistema tas-sanzjonijiet wisq klementi, is-sena tat-talba 2011 | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | – 449 842,53 | – 616,54 | – 449 225,99 |
| | Kundizzjonalità | 2013 | KAAT waħda mhux iddefinita sew, defiċjenzi parzjali f'4 SMR, is-sistema tas-sanzjonijiet wisq klementi, is-sena tat-talba 2011 | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | – 17 947,73 | 0,00 | – 17 947,73 |
| | Kundizzjonalità | 2012 | KAAT waħda mhux iddefinita sew, defiċjenzi parzjali f'4 SMR, is-sistema tas-sanzjonijiet wisq klementi, is-sena tat-talba 2012 | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | – 581 182,86 | 0,00 | – 581 182,86 |

| Stat Membru | Miżura | Sena Finanz-jarja | Raġuni | Tip | % tal-korrez-zjoni | Munita | Ammont | Tnaqqis | Impatt Finanzjarju |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Kundizzjonalità | 2013 | KAAT waħda mhux iddefinita sew, defiċjenzi parzjali f'4 SMR, is-sistema tas-sanzjonijiet wisq klementi, is-sena tat-talba 2012 | RATA FISSA | 5,00 % | EUR | – 320 053,39 | 0,00 | – 320 053,39 |
| | | | | | **Total PT:** | **EUR** | **– 1 995 895,82** | **– 20 149,71** | **– 1 975 746,11** |

| Stat Membru | Miżura | Sena Finanz-jarja | Raġuni | Tip | % tal-korrez-zjoni | Munita | Ammont | Tnaqqis | Impatt Finanzjarju |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **SE** | Ċertifikazzjoni | 2013 | Instab żball fil-popolazzjoni FAEŻR mhux SIAK | TA' DARBA | | EUR | – 58 780,85 | 0,00 | – 58 780,85 |
| | Ċertifikazzjoni | 2014 | Instab żball fil-popolazzjoni FAEŻR mhux SIAK | TA' DARBA | | EUR | – 29 887,03 | 0,00 | – 29 887,03 |
| | Ċertifikazzjoni | 2014 | Instabu l-iżbalji fil-popolazzjoni FAEŻR mhux SIAK | TA' DARBA | | EUR | – 474 359,50 | 0,00 | – 474 359,50 |
| | | | | | **Total SE:** | **EUR** | **– 563 027,38** | **0,00** | **– 563 027,38** |

| Munita | Ammont | Tnaqqis | Impatt Finanzjarju |
|---|---|---|---|
| **EUR** | **– 13 486 393,19** | **– 34 486,28** | **– 13 451 906,91** |

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1060

## tad-29 ta' Ġunju 2016

## li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/707/UE li tikkonferma l-aċċettazzjoni ta' impenn offrut b'rabta mal-proċedimenti ta' antidumping u antisussidji li jikkonċernaw l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u l-komponenti ewlenin (jiġifieri ċ-ċelloli) li joriġinaw jew jintbagħtu mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-perjodu ta' applikazzjoni ta' miżuri definittivi

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 8 u 9 tiegħu.

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009, dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea ([2]), u b'mod partikolari l-Artikoli 13 u 15 tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1238/2013 ([3]), il-Kunsill impona dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet fl-Unjoni ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u l-komponenti ewlenin (jiġifieri ċ-ċelloli u l-wejfers) li joriġinaw jew jintbagħtu mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("ir-RPĊ").

(2) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1239/2013 ([4]), il-Kunsill impona wkoll dazju kumpensatorju definittiv fuq importazzjonijiet fl-Unjoni ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u l-komponenti ewlenin (jiġifieri ċ-ċelloli) li joriġinaw jew jintbagħtu mir-RPĊ.

(3) Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/707/UE ([5]) l-Kummissjoni taċċetta l-impenn offrut fil-qafas tal-proċedimenti antidumping u antisussidji li jikkonċernaw l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u l-komponenti ewlenin (jiġifieri ċ-ċelloli) li joriġinaw jew jintbagħtu mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

(4) Shanghai Chaori International Trading Co. Ltd ("il-kumpanija kkonċernata"), kodiċi addizzjonali TARIC B872, li l-impenn tagħha ġie aċċettat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/707/UE, infurmat lill-Kummissjoni dwar il-bidla fl-isem tagħha għal GCL System Integration Technology Co., Ltd.

(5) Fl-2014, il-kumpanija kkonċernata ġiet iddikajrata falluta. Fi Frar 2015, il-kumpanija kkonċernata ġiet akkwiżita minn Jiangsu GCL Energy Co., Ltd., li hija parti minn grupp ta' kumpaniji bil-kodiċi addizzjonali TARIC B850.

(6) Il-kumpanija kkonċernata sostniet li l-bidla f'isimha ma taffettwax id-drittijiet tagħha li tkompli tibbenefika għar-rati tad-dazju individwali applikati għaliha.

(7) Madankollu, b'konsegwenza tal-akkwiżizzjoni, il-kumpanija kkonċernata mhux biss bidlet isimha għal GCL System Integration Technology Co., Ltd., iżda saret parti wkoll mill-grupp ta' kumpaniji bil-kodiċi addizzjonali TARIC B850 ([6]).

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
([2]) ĠU L 188, 18.7.2009, p. 93.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1238/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriġinaw fi jew li huma kkonsinjati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 325, 5.12.2013, p. 1).
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1239/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriġinaw jew li huma kkunsinnati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 325, 5.12.2013, p. 66).
([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/707/UE tal-4 ta' Diċembru 2013 li tikkonferma l-aċċettazzjoni ta' impenn offrut b'rabta mal-proċedimenti ta' anti-dumping u antisussidji li jikkonċernaw l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi bis-silikon kristallin u l-komponenti ewlenin (jiġifieri ċ-ċelloli) li joriġinaw jew jintbagħtu mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għall-perjodu ta' applikazzjoni ta' miżuri definittivi (ĠU L 325, 5.12.2013, p. 214).
([6]) Jiġifieri Konca Solar Cell Co. Ltd., Suzhou GCL Photovoltaic Technology Co. Ltd, Jiangsu GCL Silicon Material Technology Development Co. Ltd, Jiangsu Zhongneng Polysilicon Technology Development Co. Ltd, GCL-Poly (Suzhou) Energy Limited, GCL-Poly Solar Power System Integration (Taicang) Co. Ltd, GCL SOLAR POWER (SUZHOU) LIMITED, GCL Solar System (Suzhou) Limited.

(8) Kemm il-kumpanija kkonċernata kif ukoll il-grupp ta' kumpaniji msemmija fil-premessa 7 huma suġġetti għall-impenn. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-bidla fl-isem ma taffettwa bl-ebda mod ir-riżultati tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/707/UE.

(9) Il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati kollha mill-fatti u kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bazi tagħhom hija ppjanat li temenda r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1238/2013 u (UE) Nru 1239/2013. Dawn il-partijiet ingħataw perjodu li fih setgħu jikkummentaw dwar id-divulgazzjoni. L-ebda parti ma ppreżentat kummenti.

(10) Il-miżuri pprodvuti għal din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/707/UE huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ġunju 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/707/UE huwa emendat kif ġej:

(1) L-entrata għall-kodiċi addizzjonali TARIC B850 hija sostitwita b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "Konca Solar Cell Co. Ltd<br>Suzhou GCL Photovoltaic Technology Co., Ltd<br>Jiangsu GCL Silicon Material Technology Development Co., Ltd<br>Jiangsu Zhongneng Polysilicon Technology Development Co. Ltd<br>GCL-Poly (Suzhou) Energy Limited<br>GCL-Poly Solar Power System Integration (Taicang) Co. Ltd<br>GCL SOLAR POWER (SUZHOU) LIMITED<br>GCL Solar System (Suzhou) Limited<br>GCL System Integration Technology Co., Ltd. | B850" |

(2) L-entrata għall-kodiċi addizzjonali TARIC B872 hija sostitwita b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "Shanghai Chaori Solar Energy Science & Technology Co. Ltd | B872" |

# LINJI GWIDA

## LINJA GWIDA (UE) 2016/1061 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tas-26 ta' Mejju 2016**

**li temenda l-Linja Gwida BĊE/2008/8 dwar ġbir ta' dejta dwar l-euro u l-operazzjoni tal-Currency Information System 2 (BĊE/2016/15)**

Il-kunsill governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 128 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikoli 5 u 16 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3603/93 tat-13 ta' Diċembru 1993, li jispeċifika definizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-projbizzjonijiet li hemm referenza għalihom fl-Artikoli 104 u 104b(1) tat-Trattat ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 128(1) tat-Trattat u l-Artikolu 16 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem l-"Istatut tas-SEBĊ") jipprovdu li l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandu d-dritt esklussiv li jawtorizza l-ħruġ ta' karti tal-flus euro fi ħdan l-Unjoni.

(2) L-Artikolu 128(2) tat-Trattat jipprovdi li l-Istati Membri jistgħu joħorġu muniti soġġett għall-approvazzjoni mill-BĊE tal-volum tal-ħruġ. Għalhekk, il-BĊE jadotta deċiżjonijiet annwali li japprovaw il-volum ta' ħruġ ta' muniti mill-Istati Membri li adottaw l-euro (iktar 'il quddiem l-"Istati Membri parteċipanti") u deċiżjonijiet li japprovaw volumi addizzjonali ta' ħruġ ta' muniti minn Stat Membru wieħed jew minn bosta Stati Membri parteċipanti fuq bażi *ad hoc*.

(3) L-Artikolu 5 tal-Istatut tas-SEBĊ jipprovdi li biex ikun jista' jwettaq il-kompiti tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) il-BĊE, assistit mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi), għandu jiġbor it-tagħrif statistiku meħtieġ, li jikkonsisti f'tagħrif statistiku fil-qasam tal-ħruġ ta' karti tal-flus u muniti euro.

(4) Barra minn hekk, jeħtieġ li l-BĊE jiġbor informazzjoni għall-iskop tal-monitoraġġ tal-konformità mal-projbizzjoni stabbilita mill-Artikolu 123 tat-Trattat u implimentata bir-Regolament (KE) Nru 3603/93. B'mod partikolari, l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 3603/93 jipprovdi li kwalunkwe ż-żamma minn kwalunkwe BĊNi ta' muniti euro maħruġa minn u kkreditati lis-settur pubbliku m'għandhomx jitqiesu bħala faċilità ta' kreditu skont it-tifsira tal-Artikolu 123 tat-Trattat fejn l-ammonti ta' dawk l-assi jibqgħu inqas minn 10 % tal-muniti fiċ-ċirkolazzjoni.

(5) Mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri fir-rigward tal-ħruġ ta' muniti euro, u meta jitqies ir-rwol essenzjali tal-biċċa l-kbira tal-BĊNi fid-distribuzzjoni tal-muniti euro, biex iwettqu l-kompiti deskritti hawn fuq, il-BĊE, flimkien mal-BĊNi, għandhom bżonn jiġbru dejta dwar karti tal-flus u muniti euro. Tali ġbir ta' dejta għandu jiffaċilita t-teħid ta' deċiżjonijiet fil-qasam tal-ħruġ ta' karti ta' flus u muniti euro u għandu jippermetti lill-BĊE jimmonitorja l-konformità ma' kwalunkwe deċiżjonijiet f'dan il-qasam fir-rigward tal-ippjanar tal-produzzjoni tal-karti tal-flus euro u l-koordinazzjoni tal-ħruġ tagħhom, it-tqegħid ta' karti tal-flus euro f'ċirkolazzjoni u l-arranġament ta' kwalunkwe trasferiment neċessarju ta' karti ta' flus euro bejn il-BĊNi. L-effetti ta' sinerġija ta' dak il-ġbir ta' dejta għandhom jippermettu wkoll lill-BĊE biex jipprovdi dejta, fejn dan jintalab, lill-istituzzjonijiet u l-korpi b'kompetenzi fir-rigward tal-muniti euro.

(6) Il-proċedura għall-ġbir ta' dejta relatata ma' karti tal-flus euro teħtieġ li tiġi mtejba, b'mod partikolari billi jiġu integrati ċerti elementi tal-Artikolu 2a tal-Linja Gwida BĊE/2008/8 ([2]) fl-Artikolu 2 u billi jitħassru elementi li m'għadhomx meħtieġa.

([1]) ĠU L 332, 31.12.1993, p. 1. L-Artikoli 104 u 104b(1) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ġew issostitwiti bl-Artikolu 126 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

([2]) Linja Gwida BĊE/2008/8 tal-11 ta' Settembru 2008 fuq il-ġbir ta' dejta dwar l-euro u l-operazzjoni tal-Currency Information System 2 (ĠU L 346, 23.12.2008, p. 89).

(7) Il-proċedura għall-ġbir ta' dejta relatata ma' muniti euro għandha tiġi mtejba wkoll.

(8) Definizzjoni tat-terminu "entitajiet li joħorġu muniti" skont l-Artikolu 128(2) tat-Trattat għandha tiġi inkluża għal raġunijiet ta' ċertezza legali.

(9) Il-proċedura għall-ġbir ta' dejta relatata ma' infrastruttura ta' flus kontanti u attivitajiet operazzjonali ta' terzi għandha tittejjeb ukoll. Ċerti dispożizzjonijiet li jiddefinixxu meta d-dejta għandha tiġi rrapportata għall-ewwel darba u li tiddefinixxi perijodi tranżitorji m'għadhomx meħtieġa.

(10) L-aċċess għall-Currency Information System 2 (CIS 2) ser ikun ristrett għall-BĊE, il-BĊNi u kwalunkwe BĊN futur fl-Eurosistema. Il-possibbiltà li jingħata aċċess lil terzi eliġibbli mhux ser tibqa' disponibbli. Terzi interessati, bħall-Kummissjoni Ewropea u entitajiet li joħorġu muniti fir-rigward ta' dejta relatata ma' muniti, ser jiġu infurmati mid-Direttorat tal-BĊE għall-Karti tal-Flus.

(11) Aktar emendi minuri huma meħtieġa biex jiġu aġġornati l-proċeduri għall-ġbir ta' informazzjoni statistika fil-qasam tal-ħruġ ta' karti tal-flus u muniti euro.

(12) Għalhekk, il-Linja Gwida BĊE/2008/8 għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

*Artikolu 1*

**Emendi**

Il-Linja Gwida BĊE/2008/8 hija emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1 huwa emendat skont kif ġej:

(a) il-punt (c) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(c) 'CIS 2' tfisser is-sistema li tinkludi: (i) id-database ċentrali installata fil-BĊE biex iżżomm l-informazzjoni relevanti kollha dwar il-karti tal-flus euro, il-muniti euro, l-infrastrutturi ta' flus kontanti u l-attivitajiet operazzjonali ta' terzi, miġbura skont din il-Linja Gwida u d-Deċiżjoni BĊE/2010/14 (*); (ii) l-applikazzjoni online bbażata fuq il-web li tippermetti konfigurazzjoni flessibbli tas-sistema u informazzjoni dwar it-tqassim tad-dejta u l-istatus tal-validazzjoni, reviżjonijiet u tipi differenti ta' dejta ta' referenza u parametri tas-sistema; (iii) il-modulu tar-rappurtar sabiex wieħed jara u janalizza d-dejta miġbura; u (iv) il-mekkaniżmu ta' trażmissjoni tas-CIS 2;

(*) Deċiżjoni BĊE/2010/14 tas-16 ta' Settembru 2010 dwar il-verifika tal-awtentiċità u l-kundizzjoni u r-riċirkulazzjoni tal-karti tal-flus euro (ĠU L 267, 9.10.2010, p. 1).";

(b) il-punti (g) sa (n) huma mibdula b'dan li ġej:

"(g) 'mekkaniżmu ta' trażmissjoni CIS 2' tfisser l-applikazzjoni tas-SEBĊ XML Data Integration (EXDI). L-applikazzjoni EXDI tintuża biex jiġu trażmessi messaġġi ta' dejta bejn BĊNi, BĊNi futuri tal-Eurosistema u l-BĊE b'mod kunfidenzjali, indipendentement mill-infrastruttura teknika (eż. networks tal-kompjuter u applikazzjonijiet tas-software) li tappoġġhom;

(h) 'messaġġ ta' dejta' tfisser fajl li fih dejta ta' kuljum, ta' kull xahar jew ta' nofs sena ta' BĊN jew BĊN futur tal-Eurosistema għal perijodu ta' rappurtar wieħed jew, fil-każ ta' reviżjonijiet, perijodu wieħed jew bosta perijodi ta' rappurtar f'format ta' dejta kumpatibbli mal-mekkaniżmu ta' trażmissjoni CIS 2;

(i) 'Stat Membru futur parteċipanti' tfisser Stat Membru mhux parteċipanti li ssodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti għall-adozzjoni tal-euro u li dwaru tkun ittieħdet deċiżjoni dwar l-abrogazzjoni tad-deroga (skont l-Artikolu 140 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea);

(j) 'jum ta' negozju' tfisser jum li fih BĊN li jirrapporta jkun miftuħ għan-negozju;

(k) 'dejta ta' kontabbiltà' tfisser il-valur mhux aġġustat ta' karti tal-flus euro f'ċirkolazzjoni kkoreġuti bl-ammont ta' klejms mhux imħallsa fil-konfront ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li joperaw programm estiż ta' kustodja tal-inventarju fl-għeluq ta' perijodu ta' rappurtar skont l-Artikolu 12(2)(a) u (b) tal-Linja ta' Gwida BĊE/2010/20 (*);

(l) 'ġrajja ta' dejta' tfisser ġrajja reġistrata fis-CIS 2 li jistkatta t-trasmissjoni ta' notifika mis-CIS 2 lil BĊN wieħed jew aktar u lill-BĊE. Ġrajja ta' dejta sseħħ: (i) meta BĊN ikun bagħat messaġġ ta' dejta ta' kuljum, ta' kull xahar jew ta' nofs sena lis-CIS 2 li jiskatta messaġġ ta' risposta lil dak il-BĊN u lill-BĊE; (ii) meta il-messaġġi ta' dejta tal-BĊNi kollha jkunu ġew ivvalidati b'suċċess għal perijodu ta' rappurtar ġdid li jiskatta messaġġ ta' rapport dwar l-istatus mis-CIS 2 lill-BĊNi u lill-BĊE; jew (iii) meta, wara li jintbgħat messaġġ ta' rapport tal-istatus ta' rapport, messaġġ ta' dejta rivedut għal BĊN jiġi vvalidat b'suċċess mis-CIS 2 li jiskatta notifika ta' reviżjoni lill-BĊNi u lill-BĊE;

(m) 'Cash handlers' tfisser l-istituzzjonijiet u l-aġenti ekonomiċi msemmijin fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1338/2001 (**);

(n) "entitajiet li joħorġu muniti" tfisser kwalunkwe korp fdat minn Stat Membru taż-żona tal-euro bil-kompitu li jpoġġi muniti euro f'ċirkolazzjoni. Entitajiet li joħorġu muniti jistgħu jinkludu BĊNi, zekek nazzjonali, teżori nazzjonali, aġenzji u entitajiet pubbliċi maħruġa li jpoġġu f'ċirkolazzjoni muniti taħt skemi ta' coin-held-to-order:

(*) Linja Gwida BĊE/2010/20 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-11 ta' Novembru 2010 dwar il-qafas legali għall-kontabilità u r-rappurtar finanzjarju fis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (ĠU L 35, 9.2.2011, p. 31).

(**) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1338/2001 tat-28 ta' Ġunju 2001 li jistabilixxi miżuri neċessarji għall-protezzjoni mill-iffalsifikar tal-euro (ĠU L 181, 4.7.2001, p. 6).";

(c) Id-definizzjonijiet li ġejjin huma mdaħħla wara l-punt (n):

"(o) 'skema ta' coin-held-to-order (CHTO)' tfisser skema li tikkonsisti f'arranġamenti kuntrattwali individwali bejn entità li toħroġ muniti u kustodju jew kustodji fl-Istat Membru tal-entità li toħroġ il-muniti, li permezz tagħha l-entità li toħroġ il-muniti:

(i) tissuplixxi lill-kustodji b'muniti euro sabiex iżommuhom f'kustodja barra mill-fond tal-entità li toħroġ il-muniti bl-iskop li tpoġġihom f'ċirkolazzjoni; u

(ii) tikkredita jew tiddebita direttament il-kont tal-BĊN miżmum minn wieħed jew waħda minn dawn li ġejjin:

— il-kustodju;

— istituzzjonijiet ta' kreditu li huma klijenti li jixtru muniti euro mingħand il-kustodju.

Il-muniti euro soġġetti għall-iskema CHTO huma ddepożitati ma' jew miġbuda mill-fond ta' kustodja tal-entità li toħroġ il-muniti mill-kustodju jew mill-klijenti tal-kustodju kif innotifikat lill-BĊN.

(p) 'element ta' dejta tal-kategorija 1' tfisser element ta' dejta rrapportat mill-BĊNi lis-CIS 2 kif iddefinit fl-Annessi I sa III u fl-Anness VII, li għandha tiġi rrapportata għal kull perijodu ta' rapportar;

(q) 'element ta' dejta mmexxi minn avveniment' tfisser element ta' dejta rrapportat mill-BĊNi lis-CIS 2 kif iddefinit fl-Annessi I sa III u fl-Anness VII, li għalih id-dejta hija rrapportata biss jekk l-avveniment sottostanti jseħħ matul il-perijodu ta' rapportar;

(r) 'Identity and Access Management (IAM)' tfisser servizz ta' sigurtà kondiviż, użat biex jagħti u jikkontrolla aċċess għal applikazzjonijiet tas-SEBĊ;"

2. L-Artikolu 2 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 2*

**Ġbir ta' dejta relatata mal-karti tal-flus euro**

1. Il-BĊNi għandhom jirrapurtaw lill-BĊE id-dejta tas-CIS 2 relatata mal-karti tal-flus euro, i.e. l-elementi tad-dejta speċifikati fil-Parti 1 tal-Anness I u fl-Anness VII, waqt li josservaw il-frekwenza tar-rapportar speċifikata fihom u r-regoli ta' prenotazzjoni speċifikati fil-Parti 3 tal-Anness I.

2. Il-BĊNi għandhom jittrażmettu d-dejta ta' kull xahar identifikata bħala dejta mmexxija minn avvenimenti relatata ma' karti tal-flus euro sa mhux aktar tard mis-sitt ġurnata ta' xogħol tax-xahar ta' wara l-perijodu ta' rappurtar.

3. Il-BĊNi għandhom jittrażmettu d-dejta ta' kuljum identifikata bħala dejta mmexxija minn avvenimenti relatata ma' karti tal-flus euro sa mhux aktar tard mill-17.00, Ħin Ċentrali Ewropew (CET) (*) fil-jum ta' ħidma ta' wara l-perijodu ta' rapportar.

4. Il-BĊNi għandhom jużaw il-mekkaniżmu ta' trażmissjoni CIS2 biex jittrażmettu d-dejta relatata mal-karti tal-flus euro lill-BĊE skont din il-Linja Gwida.

(*) Is-CET iqis il-bidla għall-Ħin tas-Sajf tal-Ewropa Ċentrali (Central European Summer Time).";

3. L-Artikolu 2a huwa mħassar;

4. L-Artikolu 3 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

**Ġbir ta' dejta relatata mal-muniti euro**

1. Il-BĊNi għandhom jiġbru d-dejta tas-CIS 2 relatata mal-muniti euro, i.e. l-elementi ta' dejta speċifikati fil-Parti 1 tal-Anness II, mill-entitajiet relevanti li joħorġu muniti euro fl-Istati Membri tagħhom.

2. Il-BĊNi għandhom jirrapportaw lill-BĊE dejta tas-CIS 2 relatata mal-muniti euro fuq bażi ta' kull xahar, waqt li josservaw ir-regoli ta' prenotazzjoni speċifikati fil-Parti 3 tal-Anness II.

3. Il-BĊNi għandhom jużaw il-mekkaniżmu ta' trażmissjoni CIS2 biex jittrażmettu d-dejta relatata mal-karti tal-flus euro lill-BĊE skont din il-Linja Gwida.";

5. L-Artikolu 4 huwa emendat skont kif ġej:

(a) it-titolu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

**"Ġbir ta' dejta relatata mal-infrastruttura tal-flus kontanti u l-attivitajiet operazzjonali ta' terzi skont id-Deċiżjoni BĊE/2010/14";**

(b) il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-BĊNi għandhom jipprovdu lill-BĊE bl-infrastruttura tal-flus kontanti u bid-dejta operazzjonali, kif speċifikat fl-Anness IIIa, fuq bażi ta' kull sitt xhur. Id-dejta pprovduta lill-BĊE għandha tkun ibbażata fuq id-dejta li l-BĊNi jkunu kisbu mingħand il-cash handlers skont l-Anness IV tad-Deċiżjoni BĊE/2010/14.";

(c) il-paragrafi 2, 3 u 7 huma mħassra.

6. fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. BĊN għandu jinkludi fl-arranġamenti kuntrattwali li huwa jinkludi ma' BĊN futur tal-Eurosistema skont l-Artikolu 3(3) tal-Linja Gwida BĊE/2006/9 (*), dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-obbligi ta' rapportar stipulati f'dik il-Linja Gwida. Barra minn hekk, l-arranġamenti kuntrattwali għandhom jeħtieġu li l-BĊN futur tal-Eurosistema jirrapporta lill-BĊE fuq bażi ta' kull xahar l-elementi ta' dejta speċifikati fit-Taqsimiet 4 u 5 tat-tabella tal-Anness I u t-Taqsimiet 4 u 7 tat-tabella fl-Anness II. Il-BĊN futur tal-Eurosistema għandu jkun meħtieġ li jirrapporta waqt li josserva *mutatis mutandis* ir-regoli ta' prenotazzjoni speċifikati fil-Parti 3 tal-Anness I u l-Parti 3 tal-Anness II, relatati ma' kwalunkwe karti tal-flus euro u/jew muniti li huwa jissellef mingħand BĊN u li jkunu ġew ikkonsenjati lilu mill-istess BĊN. Meta BĊN futur tal-Eurosistema ma jkunx ikkonkluda dawn il-ftehimiet kuntrattwali ma' BĊN, il-BĊE għandu jikkonkludi dawn il-ftehimiet kuntrattwali ma' dak il-BĊN futur tal-Eurosistema, inklużi l-obbligazzjonijiet ta' rappurtar riferiti f'dan l-Artikolu.

(*) Linja Gwida BĊE/2006/9 tal-14 ta' Lulju 2006, dwar ċerti preparazzjonijiet għat-tibdil tal-flus kontanti euro u dwar il-frontloading u s-subfrontloading tal-karti tal-flus u muniti euro barra ż-żona tal-euro (ĠU L 207, 28.7.2006, p. 39).";

7. fl-Artikolu 5, il-paragrafu 4 huwa mibdul b'dan li ġej:

"4. Il-BĊNi għandhom jużaw il-mekkaniżmu ta' trażmissjoni CIS2 biex jittrażmettu d-dejta msemmija fil-paragrafu 1.";

8. fl-Artikolu 6, il-paragrafu 3 huwa mibdul b'dan li ġej:

"3. Il-BĊNi għandhom jittrasmettu b'mod tempestiv lill-BĊE, meta jintalbu jagħmlu dan, il-parametri tas-sistema speċifikati fl-Anness IV u għandhom jittrasmettu wkoll lill-BĊE kwalunkwe bidla sussegwenti fil-parametri tas-sistema.";

9. fl-Artikolu 7, il-paragrafu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. BĊNi għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw il-kompletezza u l-korrettezza tad-dejta meħtieġa skont din il-Linja ta' Gwida qabel jittrażmettuha lill-BĊE. Bħala minimu, huma għandhom iwettqu:

(a) il-verifiki tal-kompletezza, jiġifieri jiżguraw li elementi ta' dejta tal-kategorija 1 u li huma mmexxija minn ġrajjiet jiġu rrapportati skont il-prinċipji stipulati f'din il-Linja Gwida u fl-Annessi V u VII;

(b) il-verifiki ta' korrettezza stipulati fl-Anness VI.

L-applikazzjoni CIS 2 għandha tiċħad messaġġi ta' dejta li ma jkunux jinkludu elementi ta' dejta tal-kategorija 1 kif iddefinit fl-Anness I sa III u fl-Anness VII, li għandhom jiġu rrapportati għall-perijodu ta' rapportar rispettiv.";

10. L-Artikolu 8 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 8*

**Aċċess għas-CIS 2**

1. Malli jirċievi talba għal aċċess minn utent elettroniku permezz tal-IAM u soġġett għall-konklużjoni tal-arranġamenti kuntrattwali separati deskritti fil-paragrafu 2, il-BĊE għandu jagħti aċċess lis-CIS 2 għall-utenti individwali minn kull BĊN u kull BĊN futur tal-Eurosistema, soġġett għad-disponibbiltà u l-kapaċità.

2. Ir-responsabbiltà għall-ġestjoni teknika tal-utenti għall-utenti individwali għandha tiġi stipulata f'arranġamenti kuntrattwali separati bejn il-BĊE u BĊN għall-utenti individwali tiegħu u bejn il-BĊE u BĊN futur tal-Eurosistema għall-utenti individwali ta' dan tal-aħħar. Il-BĊE jista' jinkorpora wkoll f'dawn il-ftehimiet kontrattwali referenzi għal ftehimiet dwar il-ġestjoni tal-utenti, standards ta' sigurtà u kundizzjonijiet għal-liċenzjar applikabbli għas-CIS 2.";

11. fl-Artikolu 11, il-paragrafu 2 huwa ssostitwit skont kif ġej:

"2. Skont l-Artikolu 17.3 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Bord Eżekuttiv għandu jkun awtorizzat li jagħmel emendi tekniċi għall-Annessi f'din il-Linja Gwida u għall-ispeċifikazzjonijiet tal-mekkaniżmu ta' trasmissjoni tas-CIS 2, wara li jqis il-fehmiet tal-Kumitat tal-Karti tal-Flus, tal-Kumitat Legali u tal-Kumitat tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni.".

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ u implimentazzjoni**

1. Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

2. Il-banek ċentrali tal-Eurosistema għandhom jikkonformaw ma' din il-Linja Gwida mill-1 ta' Lulju 2016.

*Artikolu 3*

**Destinatarji**

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema.

Magħmul fi Frankfurt am Main, 26 ta' Mejju 2016.

*Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE*

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT